Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2023/0133(COD)

02.10.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar privattivi essenzjali standard u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Marion Walsmann

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 64

ANNESS: LISTA TA’ ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM 68

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar privattivi essenzjali standard u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1001
(COM(2023)0232 – C9-0147/2023 – 2023/0133(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0232),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0147/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

[1] Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-liċenzjar tal-SEPs, billi jindirizza l-kawżi ta' liċenzjar ineffiċjenti bħal trasparenza insuffiċjenti fir-rigward tal-SEPs, termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND) u liċenzjar fil-katina tal-valur, u użu limitat ta' proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għas-soluzzjoni tat-tilwim FRAND. Dawn kollha flimkien inaqqsu l-ġustizzja u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema u jirriżultaw f'kostijiet amministrattivi u tranżazzjonali eċċessivi. Billi jtejjeb il-liċenzjar tal-SEPs, ir-Regolament għandu l-għan li jinċentiva l-parteċipazzjoni mill-kumpaniji Ewropej fil-proċess ta' żvilupp tal-istandards u l-implimentazzjoni wiesgħa ta' teknoloġiji standardizzati bħal dawn, b'mod partikolari fl-industriji tal-Internet tal-Oġġetti (IoT). Għalhekk, dan ir-Regolament isegwi objettivi li huma komplementari għal, iżda differenti minn dawk tal-protezzjoni ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni, iggarantiti mill-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar il-kompetizzjoni.	(2) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jtejjeb il-liċenzjar tal-SEPs, billi jindirizza l-kawżi ta' liċenzjar ineffiċjenti bħal trasparenza insuffiċjenti fir-rigward tal-SEPs, termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND) u liċenzjar fil-katina tal-valur, u użu limitat ta' proċeduri ta' soluzzjoni tat-tilwim għas-soluzzjoni tat-tilwim FRAND. Dawn kollha flimkien inaqqsu l-ġustizzja u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema u jirriżultaw f'kostijiet amministrattivi u tranżazzjonali eċċessivi***, li jnaqqsu r-riżorsi disponibbli għall-investiment fl-innovazzjoni***. Billi jtejjeb il-liċenzjar tal-SEPs, ir-Regolament għandu l-għan li jinċentiva l-parteċipazzjoni mill-kumpaniji Ewropej fil-proċess ta' żvilupp tal-istandards u l-implimentazzjoni wiesgħa ta' teknoloġiji standardizzati bħal dawn, b'mod partikolari fl-industriji tal-Internet tal-Oġġetti (IoT). Għalhekk, dan ir-Regolament isegwi objettivi li huma komplementari għal, iżda differenti minn dawk tal-protezzjoni ta' kompetizzjoni mingħajr distorsjoni, iggarantiti mill-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali dwar il-kompetizzjoni.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) In-negozjati bona fide bejn il-partijiet li jixtiequ jipparteċipaw iseħħu f'ħafna każijiet FRAND, iżda f'każijiet oħra l-SEPs għadhom soġġetti għal

litigazzjoni. Id-detenturi tal-SEP tal-Unjoni u l-implimentaturi tal-SEP jenħtieġ li jibbenefikaw mill-mekkaniżmi introdotti minn dan ir-Regolament. Dawn il-mekkaniżmi huma intiżi sabiex itemmu, minn naħa, is-sitwazzjonijiet li fihom l-implimentaturi tal-SEPs idewmu u jirrifjutaw li jieħdu liċenzji FRAND u, min-naħa l-oħra, sitwazzjonijiet li fihom id-detenturi tal-SEPs jeżegwixxu royalties mhux FRAND minħabba t-theddida ta' ordni u n-nuqqas ta' trasparenza.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-SEPs huma privattivi li jipproteġu t-teknoloġija li hija inkorporata fi standard. L-SEPs huma "essenzjali" fis-sens li l-implimentazzjoni tal-istandard teħtieġ l-użu tal-invenzjonijiet koperti mill-SEPs. Is-suċċess ta' standard jiddependi ***fuq l-implimentazzjoni*** wiesgħa tiegħu u bħala tali kull parti kkonċernata jenħtieġ li titħalla tuża standard. Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-aċċessibbiltà wiesgħa tal-istandards, l-organizzazzjonijiet għall-iżvilupp tal-istandards jitolbu lid-detenturi tal-SEPs li jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-istandards biex jimpenjaw ruħhom li jilliċenzjaw dawk il-privattivi fuq termini u kundizzjonijiet FRAND għall-implimentaturi li jagħżlu li jużaw l-istandard. L-impenn FRAND huwa impenn kuntrattwali volontarju mogħti mid-detentur tal-SEP għall-benefiċċju ta' partijiet terzi, u għandu jiġi rrispettat bħala tali wkoll minn detenturi sussegwenti tal-SEP. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-privattivi li ***huma*** essenzjali għal standard li ġie ppubblikat minn	(3) L-SEPs huma privattivi li jipproteġu t-teknoloġija li hija inkorporata fi standard. L-SEPs huma "essenzjali" fis-sens li l-implimentazzjoni tal-istandard teħtieġ l-użu tal-invenzjonijiet koperti mill-SEPs. Is-suċċess ta' standard jiddependi ***mill-implimentazzjoni*** wiesgħa tiegħu u bħala tali kull parti kkonċernata jenħtieġ li titħalla tuża standard. Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-aċċessibbiltà wiesgħa tal-istandards, l-organizzazzjonijiet għall-iżvilupp tal-istandards jitolbu lid-detenturi tal-SEPs li jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-istandards biex jimpenjaw ruħhom li jilliċenzjaw dawk il-privattivi fuq termini u kundizzjonijiet FRAND għall-implimentaturi li jagħżlu li jużaw l-istandard. L-impenn FRAND huwa impenn kuntrattwali volontarju mogħti mid-detentur tal-SEP għall-benefiċċju ta' partijiet terzi, u għandu jiġi rrispettat bħala tali wkoll minn detenturi sussegwenti tal-SEP. Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għall-privattivi li ***jkunu ġew iddikjarati bħala*** essenzjali għal standard li

organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, li magħha d-detentur tal-SEP ikun impenja ruħu li jilliċenzja l-SEPs tiegħu b'termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND) u li ma huwiex soġġett għal politika dwar il-proprjetà intellettwali ħielsa mir-royalties, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

ġie ppubblikat minn organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, li magħha d-detentur tal-SEP ikun impenja ruħu li jilliċenzja l-SEPs tiegħu b'termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND) u li ma huwiex soġġett għal politika dwar il-proprjetà intellettwali ħielsa mir-royalties, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Hemm relazzjonijiet kummerċjali u prattiki ta' liċenzjar stabbiliti sew għal ċerti każijiet ta' użu ta' standards***, bħall-istandards għall-komunikazzjonijiet bla fili,*** b'iterazzjonijiet fuq diversi ġenerazzjonijiet li jwasslu għal dipendenza reċiproka konsiderevoli u valur sinifikanti li jirriżulta b'mod viżibbli kemm għad-detenturi tal-SEP kif ukoll għall-implimentaturi. Hemm każijiet oħra, tipikament aktar ġodda ta' użu – xi drabi tal-istess standards jew subsettijiet tagħhom – bi swieq inqas maturi, komunitajiet ta' implimentazzjoni aktar mifruxa u inqas konsolidati, li għalihom in-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tar-royalties u ta' kundizzjonijiet oħra ta' liċenzjar u l-prospett ta' valutazzjonijiet u valwazzjonijiet kumplessi tal-privattivi u litigazzjoni relatata huma ta' piż akbar fuq l-inċentivi biex jintużaw teknoloġiji standardizzati fi prodotti innovattivi. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat rispons proporzjonat u mmirat tajjeb, ċerti proċeduri skont dan ir-Regolament, jiġifieri d-determinazzjoni tar-royalties aggregati u d-determinazzjoni obbligatorja FRAND qabel il-litigazzjoni, ma għandhomx jiġu	(4) Hemm relazzjonijiet kummerċjali u prattiki ta' liċenzjar stabbiliti sew għal ċerti każijiet ta' użu ta' standards b'iterazzjonijiet fuq diversi ġenerazzjonijiet li jwasslu għal dipendenza reċiproka konsiderevoli u valur sinifikanti li jirriżulta b'mod viżibbli kemm għad-detenturi tal-SEP kif ukoll għall-implimentaturi. Hemm każijiet oħra, tipikament aktar ġodda ta' użu – xi drabi tal-istess standards jew subsettijiet tagħhom – bi swieq inqas maturi, komunitajiet ta' implimentazzjoni aktar mifruxa u inqas konsolidati, li għalihom in-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tar-royalties u ta' kundizzjonijiet oħra ta' liċenzjar u l-prospett ta' valutazzjonijiet u valwazzjonijiet kumplessi tal-privattivi u litigazzjoni relatata huma ta' piż akbar fuq l-inċentivi biex jintużaw teknoloġiji standardizzati fi prodotti innovattivi. Għalhekk, sabiex jiġi żgurat rispons proporzjonat u mmirat tajjeb, ċerti proċeduri skont dan ir-Regolament, jiġifieri d-determinazzjoni tar-royalties aggregati u d-determinazzjoni obbligatorja FRAND qabel il-litigazzjoni, ma għandhomx jiġu applikati għal każijiet ta' użu identifikati li

applikati għal każijiet ta' użu identifikati ***ta' ċerti standards jew partijiet minnhom*** li għalihom hemm biżżejjed evidenza li n-negozjati tal-liċenzjar tal-SEP dwar it-termini FRAND ma jwasslux għal diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti.	għalihom hemm biżżejjed evidenza li n-negozjati tal-liċenzjar tal-SEP dwar it-termini ***u l-kundizzjonijiet*** FRAND ma jwasslux għal diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) L-gruppi ta' privattivi, bħala soluzzjonijiet ta' liċenzjar konġunt tal-privattivi mmexxija mill-industrija, huma ta' benefiċċju għas-suq u għall-kumpaniji fl-ispettru tal-liċenzjar tal-SEPs, inklużi kemm id-detenturi tal-SEPs kif ukoll l-implimentaturi tal-SEPs. Dawn huma għażla prevedibbli u ġusta għal-liċenzjar ta' teknoloġiji bi privattiva essenzjali għal standard, peress li jippermettu li jintlaħaq ftehim dwar sett aċċettabbli b'mod wiesa' ta' termini u kundizzjonijiet ta' liċenzjar bejn kumpaniji minn madwar id-dinja. Peress li l-gruppi ta' privattivi jittrattaw l-SEPs, huma jenħtieġ li jintrabtu wkoll bit-termini u l-kundizzjonijiet FRAND, u jenħtieġ li jipprovdu trasparenza sħiħa fir-rigward tal-privattivi li huma koperti mill-portafoll tagħhom, idealment jilliċenzjawhom lid-detenturi tal-liċenzja interessati kollha irrispettivament mill-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-valur u preferibbilment jinkludu l-SEPs kollha rilevanti għall-istandard.

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Filwaqt li diġà sar skrutinju tal-kompetizzjoni tal-gruppi ta' privattivi, għad hemm inċertezza dwar il-kompatibbiltà tal-gruppi ta' negozjar tad-detenturi tal-liċenzja ("LNGs") iffurmati minn implimentaturi tal-SEPs. L-LNGs jistgħu jissimplifikaw il-proċess tan-negozjati, u b'hekk inaqqsu l-piż amministrattiv u jiżguraw li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-liċenzjar ikunu aktar uniformi u ekwi għall-implimentaturi tal-SEPs parteċipanti kollha. L-LNGs huma ta' benefiċċju b'mod partikolari għall-SMEs. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-impatt kompetittiv tal-LNGs u tanalizza liema kundizzjonijiet jenħtieġ li jissodisfaw sabiex jikkonformaw mal-liġi tal-kompetizzjoni filwaqt li jiġi evitat ir-riskju li jiġu offruti għażliet "hold-out" lill-implimentaturi tal-SEPs parteċipanti.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament***, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jenħtieġ li jwettaq il-kompiti rilevanti permezz ta' ċentru ta' kompetenza. L-EUIPO għandu esperjenza estensiva fil-ġestjoni tal-bażijiet tad-data, tar-reġistri elettroniċi u tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni alternattiva	(12) ***Bħala l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea inkarigata mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali***, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) jenħtieġ li jwettaq il-kompiti rilevanti permezz ta' ċentru ta' kompetenza ***u jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***. L-EUIPO għandu esperjenza estensiva fil-ġestjoni tal-bażijiet tad-data,

għat-tilwim, li huma aspetti ewlenin tal-funzjonijiet assenjati skont dan ir-Regolament. Huwa ***meħtieġ*** li ċ-ċentru ta' kompetenza jkun mgħammar bir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu.

tar-reġistri elettroniċi u tal-mekkaniżmi għas-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, li huma aspetti ewlenin tal-funzjonijiet assenjati skont dan ir-Regolament. Huwa ***kruċjali*** li ċ-ċentru ta' kompetenza jkun mgħammar bir-riżorsi umani u finanzjarji meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu ***b'mod effiċjenti***.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jistabbilixxi u jamministra reġistru elettroniku ***u bażi tad-data elettronika*** li jkun fiha informazzjoni ***dettaljata*** dwar l-SEPs fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar***, inklużi r-riżultati tal-verifika tal-essenzjalità, l-opinjonijiet, ir-rapporti, il-ġurisprudenza disponibbli minn ġuriżdizzjonijiet madwar id-dinja, ir-regoli relatati mal-SEPs f'pajjiżi terzi, u r-riżultati tal-istudji speċifiċi għall-SEPs. Sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi ffaċilitat il-liċenzjar tal-SEPs għall-SMEs, iċ-ċentru ta' kompetenza*** jenħtieġ li ***joffri assistenza lill-SMEs. L-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' sistema għall-verifiki tal-essenzjalità u l-proċessi għad-determinazzjoni tar-royalties aggregati u għad-determinazzjoni FRAND miċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet li jtejbu s-sistema u l-proċessi fuq bażi kontinwa, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda. F'konformità ma' dan l-objettiv, iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jistabbilixxi proċeduri ta' taħriġ għall-evalwaturi tal-essenzjalità u għall-konċiljaturi dwar l-għoti ta' opinjonijiet dwar ir-royalties aggregati kif ukoll dwar id-determinazzjoni FRAND u***	(13) Iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jistabbilixxi u jamministra reġistru elettroniku li jkun fiha informazzjoni dwar l-SEPs fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar***. Ir-reġistru elettroniku*** jenħtieġ li ***jservi bħala repożitorju fundamentali mfassal biex ikun il-punt ta' referenza primarju għall-utenti, li jipprovdi informazzjoni faċilment aċċessibbli u bażika dwar l-SEPs mingħajr ħlas***.

jenħtieġ li jinkoraġġixxi l-konsistenza fil-prattiki tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba raġunijiet ta' ċarezza, din il-premessa ġiet emendata u maqsuma fi tliet premessi differenti.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jistabbilixxi u jamministra wkoll bażi tad-data elettronika b'sett ta' data aktar estensiv u komprensiv li l-aċċess għalih jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' tariffa.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Sabiex titqajjem kuxjenza u jiġi ffaċilitat il-liċenzjar tal-SEPs għall-SMEs, iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li joffri assistenza lill-SMEs. L-istabbiliment u l-amministrazzjoni ta' sistema għall-verifiki tal-essenzjalità u l-proċessi għad-determinazzjoni tar-royalties aggregati u għad-determinazzjoni FRAND miċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet li jtejbu s-sistema u l-proċessi fuq bażi kontinwa, inkluż permezz tal-użu ta' teknoloġiji ġodda. F'konformità ma' dan

l-objettiv, iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jistabbilixxi proċeduri ta' taħriġ għall-evalwaturi tal-essenzjalità u għall-konċiljaturi dwar l-għoti ta' opinjonijiet dwar ir-royalties aggregati kif ukoll dwar id-determinazzjoni FRAND u jenħtieġ li jinkoraġġixxi l-konsistenza fil-prattiki tagħhom.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-għarfien tar-royalties totali potenzjali għall-SEPs kollha li jkopru standard (royalties aggregati) applikabbli għall-implimentazzjonijiet ta' dak l-istandard huwa importanti għall-valutazzjoni tal-ammont tar-royalties għal prodott, li għandu rwol sinifikanti għad-determinazzjonijiet tal-kostijiet tal-manifattur. Dan jgħin ukoll lid-detentur tal-SEP biex jippjana r-redditu mistenni fuq l-investiment. Il-pubblikazzjoni tar-royalties aggregati mistennija u t-termini u l-kundizzjonijiet standard ta' liċenzjar għal standard partikolari jiffaċilitaw il-liċenzjar tal-SEP u jnaqqsu l-kost tal-liċenzjar tal-SEP. Għalhekk, ***huwa meħtieġ li*** l-informazzjoni dwar ir-rati totali tar-royalties (royalties aggregati) u t-termini u l-kundizzjonijiet FRAND standard tal-liċenzjar ***isiru pubbliċi***.	(15) L-għarfien tar-royalties totali potenzjali għall-SEPs kollha li jkopru standard (royalties aggregati) applikabbli għall-implimentazzjonijiet ta' dak l-istandard huwa importanti għall-valutazzjoni tal-ammont tar-royalties għal prodott, li għandu rwol sinifikanti għad-determinazzjonijiet tal-kostijiet tal-manifattur. Dan jgħin ukoll lid-detentur tal-SEP biex jippjana r-redditu mistenni fuq l-investiment. Il-pubblikazzjoni tar-royalties aggregati mistennija u t-termini u l-kundizzjonijiet standard ta' liċenzjar għal standard partikolari jiffaċilitaw il-liċenzjar tal-SEP u jnaqqsu l-kost tal-liċenzjar tal-SEP. Għalhekk, ***l-implimentaturi tal-SEPs u d-detenturi tal-SEPs jibbenefikaw milli jippubblikaw*** l-informazzjoni dwar ir-rati totali tar-royalties (royalties aggregati) u t-termini u l-kundizzjonijiet FRAND standard tal-liċenzjar.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Jenħtieġ li d-detenturi tal-SEPs ikollhom l-opportunità li l-ewwel jinformaw liċ-ċentru ta' kompetenza dwar il-pubblikazzjoni tal-istandard jew tar-royalties aggregati li jkunu qablu bejniethom. Ħlief għal dawk il-każijiet ta' użu ta' standards li għalihom il-Kummissjoni tistabbilixxi li hemm prattiki ta' liċenzjar stabbiliti sew u li jiffunzjonaw sew tal-SEPs, iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jassisti lill-partijiet fid-determinazzjoni rilevanti tar-royalties aggregati. F'dan il-kuntest, jekk ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar royalties aggregati fost id-detenturi tal-SEPs, ċerti detenturi ta' SEPs jistgħu jitolbu liċ-ċentru ta' kompetenza jaħtar konċiljatur biex jassisti lid-detenturi ta' SEP li jkunu lesti jipparteċipaw fil-proċess tad-determinazzjoni ta' royalties aggregati għall-SEPs li jkopru l-istandard rilevanti. F'dan il-każ, ir-rwol tal-konċiljatur jkun li jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet mid-detenturi tal-SEP parteċipanti mingħajr ma jagħmel ebda rakkomandazzjoni għal royalties aggregati. ***Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm parti terza indipendenti, espert, li jista' jirrakkomanda royalties aggregati. Għalhekk, jenħtieġ li d-detenturi tal-SEP u/jew l-implimentaturi jkunu jistgħu jitolbu liċ-ċentru ta' kompetenza għal opinjoni esperta dwar royalties aggregati. Meta ssir talba bħal din, iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jaħtar bord ta' konċiljaturi u jamministra proċess li fih il-partijiet ikkonċernati interessati kollha jiġu mistiedna jipparteċipaw. Wara li jirċievi informazzjoni mill-parteċipanti kollha, il-bord jenħtieġ li jipprovdi opinjoni esperta mhux vinkolanti għal royalties aggregati. L-opinjoni esperta***	(16) Jenħtieġ li d-detenturi tal-SEPs ikollhom l-opportunità li l-ewwel jinformaw liċ-ċentru ta' kompetenza dwar il-pubblikazzjoni tal-istandard ***li fir-rigward tiegħu huma jitolbu l-essenzjalità jew*** tar-royalties aggregati li jkunu qablu bejniethom. Ħlief għal dawk il-każijiet ta' użu ta' standards li għalihom il-Kummissjoni tistabbilixxi li hemm prattiki ta' liċenzjar stabbiliti sew u li jiffunzjonaw sew tal-SEPs, iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jassisti lill-partijiet fid-determinazzjoni rilevanti tar-royalties aggregati. F'dan il-kuntest, jekk ma jkun hemm l-ebda ftehim dwar royalties aggregati fost id-detenturi tal-SEPs, ċerti detenturi ta' SEPs jistgħu jitolbu liċ-ċentru ta' kompetenza jaħtar konċiljatur biex jassisti lid-detenturi ta' SEP li jkunu lesti jipparteċipaw fil-proċess tad-determinazzjoni ta' royalties aggregati għall-SEPs li jkopru l-istandard rilevanti. F'dan il-każ, ir-rwol tal-konċiljatur jkun li jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet mid-detenturi tal-SEP parteċipanti mingħajr ma jagħmel ebda rakkomandazzjoni għal royalties aggregati.

dwar ir-royalties aggregati jenħtieġ li jkun fiha analiżi mhux kunfidenzjali tal-impatt mistenni tar-royalties aggregati fuq id-detenturi tal-SEP u fuq il-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-valur. Importanti f'dan ir-rigward ikun li jiġu kkunsidrati fatturi bħal, l-effiċjenza tal-liċenzjar tal-SEPs, inkluż għarfien minn kwalunkwe regola jew prattika abitwali għal-liċenzjar tal-proprjetà intellettwali fil-katina tal-valur u l-liċenzjar reċiproku, u l-impatt fuq l-inċentivi għall-innovazzjoni tad-detenturi tal-SEPs u ta' partijiet ikkonċernati differenti fil-katina tal-valur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba raġunijiet ta' ċarezza, din il-premessa ġiet emendata u maqsuma fi tnejn.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Id-detenturi tal-SEPs u/jew l-implimentaturi tal-SEPs jenħtieġ li jkunu jistgħu jitolbu liċ-ċentru ta' kompetenza opinjoni esperta mhux vinkolanti minn parti terza indipendenti dwar royalty aggregata. Meta ssir talba bħal din, iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li jaħtar bord ta' konċiljaturi u jamministra proċess li fih il-partijiet ikkonċernati interessati kollha jiġu mistiedna jipparteċipaw. Wara li jirċievi informazzjoni mill-parteċipanti kollha, il-bord jenħtieġ li jipprovdi opinjoni esperta mhux vinkolanti għal royalties aggregati. L-opinjoni esperta dwar ir-royalties aggregati jenħtieġ li jkun fiha analiżi mhux kunfidenzjali tal-impatt mistenni tar-royalties aggregati fuq id-detenturi

	tal-SEP u fuq il-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-valur. F'dan ir-rigward, ikun importanti li jiġu kkunsidrati fatturi bħall-effiċjenza tal-liċenzjar tal-SEPs, inkluż għarfien minn kwalunkwe regola jew prattika abitwali għal-liċenzjar tal-proprjetà intellettwali fil-katina tal-valur u l-liċenzjar reċiproku, u l-impatt fuq l-inċentivi għall-innovazzjoni tad-detenturi tal-SEPs u ta' partijiet ikkonċernati differenti fil-katina tal-valur.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Kwalunkwe valutazzjoni tal-essenzjalità tal-SEPs imwettqa minn entità indipendenti qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, pereżempju permezz ta' gruppi ta' privattivi, kif ukoll determinazzjonijiet tal-essenzjalità mill-awtoritajiet ġudizzjarji jenħtieġ li jiġu indikati fir-reġistru. Jenħtieġ li dawk l-SEPs ma jiġux ivverifikati mill-ġdid għall-essenzjalità wara li l-evidenza rilevanti li tappoġġa l-informazzjoni fir-reġistru tiġi pprovduta liċ-ċentru ta' kompetenza.	(27) Kwalunkwe valutazzjoni tal-essenzjalità tal-SEPs imwettqa minn entità indipendenti qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament, pereżempju permezz ta' gruppi ta' privattivi, kif ukoll determinazzjonijiet tal-essenzjalità mill-awtoritajiet ġudizzjarji jenħtieġ li jiġu indikati fir-reġistru. Jenħtieġ li dawk l-SEPs ma jiġux ivverifikati mill-ġdid għall-essenzjalità wara li l-evidenza rilevanti li tappoġġa l-informazzjoni fir-reġistru tiġi pprovduta liċ-ċentru ta' kompetenza ***sakemm l-evalwatur ma jkollux raġuni suffiċjenti biex jemmen li l-verifika tal-essenzjalità preċedenti ma kinitx preċiża***.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Iċ-ċentru ta' kompetenza jippubblika r-riżultati tal-verifiki tal-essenzjalità, kemm jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, fir-reġistru u fil-bażi tad-data. Ir-riżultati tal-verifiki tal-essenzjalità ma jkunux legalment vinkolanti. Għalhekk, kwalunkwe tilwima sussegwenti fir-rigward tal-essenzjalità ***jkollha tiġi indirizzata fil-qorti rilevanti***. Ir-riżultati mill-verifiki tal-essenzjalità, kemm jekk mitluba minn detentur tal-SEPs kif ukoll jekk ibbażati fuq kampjun, jistgħu, madankollu, jintużaw għall-fini li tintwera l-essenzjalità ta' dawk l-SEPs fin-negozjati, f'ġabriet ta' privattivi u fil-qorti.	(29) Iċ-ċentru ta' kompetenza jippubblika r-riżultati tal-verifiki tal-essenzjalità, kemm jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, fir-reġistru u fil-bażi tad-data. Ir-riżultati tal-verifiki tal-essenzjalità ma jkunux legalment vinkolanti. Għalhekk, ***jenħtieġ li jkun possibbli li jiġi indirizzat*** kwalunkwe tilwima sussegwenti fir-rigward tal-essenzjalità ***quddiem il-qorti kompetenti***. Ir-riżultati mill-verifiki tal-essenzjalità, kemm jekk mitluba minn detentur tal-SEPs kif ukoll jekk ibbażati fuq kampjun, jistgħu, madankollu, jintużaw għall-fini li tintwera l-essenzjalità ta' dawk l-SEPs ***jew kriterji rilevanti oħra*** fin-negozjati, f'ġabriet ta' privattivi u fil-qorti.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Id-determinazzjoni FRAND jenħtieġ li tissimplifika u tħaffef in-negozjati dwar it-termini FRAND u tnaqqas il-kostijiet. L-EUIPO jenħtieġ li jamministra l-proċedura. Iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li joħloq roster ta' konċiljaturi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti ta' kompetenza u indipendenza, kif ukoll repożitorju ta' rapporti mhux kunfidenzjali (il-verżjoni kunfidenzjali tar-rapporti se tkun aċċessibbli biss mill-partijiet u mill-konċiljaturi). Il-konċiljaturi jenħtieġ li jkunu persuni ***newtrali*** b'esperjenza estensiva fis-soluzzjoni tat-tilwim u fehim sostanzjali tal-ekonomija tal-liċenzjar skont it-termini u l-kundizzjonijiet FRAND.	(32) Id-determinazzjoni FRAND jenħtieġ li tissimplifika u tħaffef in-negozjati dwar it-termini ***u l-kundizzjonijiet*** FRAND u tnaqqas il-kostijiet ***tat-tranżazzjonijiet għall-partijiet ikkonċernati kollha***. L-EUIPO jenħtieġ li jamministra l-proċedura. Iċ-ċentru ta' kompetenza jenħtieġ li joħloq roster ta' konċiljaturi li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti ta' kompetenza u indipendenza, kif ukoll repożitorju ta' rapporti mhux kunfidenzjali (il-verżjoni kunfidenzjali tar-rapporti se tkun aċċessibbli biss mill-partijiet u mill-konċiljaturi). Il-konċiljaturi jenħtieġ li jkunu persuni ***imparzjali*** b'esperjenza estensiva fis-soluzzjoni tat-tilwim u fehim sostanzjali tal-ekonomija tal-liċenzjar skont it-termini u l-

kundizzjonijiet FRAND. ***Jenħtieġ li jkun hemm regoli u proċeduri li jiddefinixxu l-kunflitti ta' interess u mekkaniżmi biex jiġi indirizzat kwalunkwe kunflitt bħal dan li jista' jinqala'.***

Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) ***Kull parti tista' tagħżel jekk tixtieqx tinvolvi ruħha fil-proċedura u timpenja ruħha li tikkonforma mal-eżitu tagħha.*** Meta parti ma tirrispondix għat-talba ta' determinazzjoni FRAND ***jew ma tintrabatx li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND***, jenħtieġ li l-parti l-oħra tkun tista' titlob jew it-terminazzjoni jew il-kontinwazzjoni unilaterali tad-determinazzjoni FRAND. Jenħtieġ li tali parti ma tkunx esposta għal litigazzjoni matul iż-żmien tad-determinazzjoni FRAND. Fl-istess ħin, id-determinazzjoni FRAND jenħtieġ li tkun proċedura effettiva biex il-partijiet jilħqu ftehim qabel il-litigazzjoni jew biex jiksbu determinazzjoni li għandha tintuża fi proċedimenti ulterjuri. Għalhekk, jenħtieġ li l-parti jew il-partijiet ***li jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND u*** li jinvolvu ruħhom kif xieraq fil-proċedura jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tlestija tagħha.	(34) Meta parti ma tirrispondix għat-talba ta' determinazzjoni FRAND, jenħtieġ li l-parti l-oħra tkun tista' titlob jew it-terminazzjoni jew il-kontinwazzjoni unilaterali tad-determinazzjoni FRAND. Jenħtieġ li tali parti ma tkunx esposta għal litigazzjoni matul iż-żmien tad-determinazzjoni FRAND. Fl-istess ħin, id-determinazzjoni FRAND jenħtieġ li tkun proċedura effettiva biex il-partijiet ***jiltaqgħu fuq livell newtrali, bħal quddiem konċiljatur, u*** jilħqu ftehim qabel il-litigazzjoni jew biex jiksbu determinazzjoni li għandha tintuża fi proċedimenti ulterjuri. Għalhekk, jenħtieġ li l-parti jew il-partijiet li jinvolvu ruħhom kif xieraq fil-proċedura jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tlestija tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li l-obbligu li tinbeda d-determinazzjoni FRAND ma jkunx ta' detriment għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-partijiet. ***F'dak ir-rigward, jenħtieġ li l-parti li timpenja ruħha li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND filwaqt li l-parti l-oħra tonqos milli tagħmel dan tkun intitolata li tibda proċedimenti quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti sakemm issir id-determinazzjoni FRAND. Barra minn hekk,*** jenħtieġ li ***kwalunkwe parti tkun tista' titlob*** mandat ta' inibizzjoni provviżorju ta' natura finanzjarja quddiem il-qorti kompetenti. F'sitwazzjoni fejn ikun ingħata impenn FRAND mid-detentur rilevanti tal-SEP, il-mandati ta' inibizzjoni provviżorji ta' natura finanzjarja adegwata u proporzjonata jenħtieġ li jipprovdu l-protezzjoni ġudizzjarja meħtieġa lid-detentur tal-SEP li jkun qabel li jagħti liċenzja lill-SEP tiegħu skont it-termini FRAND, filwaqt li l-implimentatur jenħtieġ li jkun jista' jikkontesta l-livell tar-royalties FRAND u jiġbor difiża dwar in-nuqqas ta' essenzjalità jew l-invalidità tal-SEP. F'dawk is-sistemi nazzjonali li jeħtieġu l-bidu tal-proċedimenti fuq il-merti tal-każ bħala kundizzjoni biex jintalbu l-miżuri interim ta' natura finanzjarja, jenħtieġ li jkun possibbli li jinbdew proċedimenti bħal dawn, iżda l-partijiet jenħtieġ li jitolbu li l-każ jiġi sospiż matul id-determinazzjoni FRAND. Meta jiġi ddeterminat liema livell tal-mandat ta' inibizzjoni provviżorju ta' natura finanzjarja għandu jitqies adegwat f'każ partikolari, jenħtieġ li titqies, fost l-oħrajn, il-kapaċità ekonomika tal-applikant u l-effetti potenzjali għall-effettività tal-miżuri applikati, b'mod partikolari għall-SMEs, inkluż sabiex jiġi evitat l-użu	(35) Jenħtieġ li l-obbligu li tinbeda d-determinazzjoni FRAND ma jkunx ta' detriment għall-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-partijiet. ***Il-partijiet*** jenħtieġ li ***jkunu jistgħu jitolbu*** mandat ta' inibizzjoni provviżorju ta' natura finanzjarja quddiem il-qorti kompetenti. F'sitwazzjoni fejn ikun ingħata impenn FRAND mid-detentur rilevanti tal-SEP, il-mandati ta' inibizzjoni provviżorji ta' natura finanzjarja adegwata u proporzjonata jenħtieġ li jipprovdu l-protezzjoni ġudizzjarja meħtieġa lid-detentur tal-SEP li jkun qabel li jagħti liċenzja lill-SEP tiegħu skont it-termini FRAND, filwaqt li l-implimentatur jenħtieġ li jkun jista' jikkontesta l-livell tar-royalties FRAND u jiġbor difiża dwar in-nuqqas ta' essenzjalità jew l-invalidità tal-SEP. F'dawk is-sistemi nazzjonali li jeħtieġu l-bidu tal-proċedimenti fuq il-merti tal-każ bħala kundizzjoni biex jintalbu l-miżuri interim ta' natura finanzjarja, jenħtieġ li jkun possibbli li jinbdew proċedimenti bħal dawn, iżda l-partijiet jenħtieġ li jitolbu li l-każ jiġi sospiż matul id-determinazzjoni FRAND. Meta jiġi ddeterminat liema livell tal-mandat ta' inibizzjoni provviżorju ta' natura finanzjarja għandu jitqies adegwat f'każ partikolari, jenħtieġ li titqies, fost l-oħrajn, il-kapaċità ekonomika tal-applikant u l-effetti potenzjali għall-effettività tal-miżuri applikati, b'mod partikolari għall-SMEs, inkluż sabiex jiġi evitat l-użu abbużiv ta' tali miżuri. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li ladarba d-determinazzjoni FRAND tintemm, il-firxa kollha ta' miżuri, inklużi miżuri provviżorji, kawtelatorji u korrettivi, jenħtieġ li tkun disponibbli għall-partijiet.

abbużiv ta' tali miżuri. Jenħtieġ li jiġi ċċarat ukoll li ladarba d-determinazzjoni FRAND tintemm, il-firxa kollha ta' miżuri, inklużi miżuri provviżorji, kawtelatorji u korrettivi, jenħtieġ li tkun disponibbli għall-partijiet.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Id-determinazzjoni FRAND hija konsistenti wkoll mad-dritt għal rimedju effettiv u għall-aċċess għall-ġustizzja kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea peress li l-implimentatur u d-detentur tal-SEP iżommu dak id-dritt bis-sħiħ. F'każ ta' nuqqas ta' reġistrazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, l-esklużjoni tad-dritt għal infurzar effettiv hija limitata u meħtieġa u tissodisfa l-objettivi tal-interess ġenerali. Kif ikkonfermat mill-QĠUE[41], il-provvista ta' soluzzjoni obbligatorja għat-tilwim bħala prekundizzjoni għall-aċċess għall-qrati kompetenti tal-Istati Membri titqies kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Id-determinazzjoni FRAND issegwi l-kundizzjonijiet għas-soluzzjoni obbligatorja tat-tilwim deskritti fis-sentenzi tal-QĠUE, filwaqt li tqis il-karatteristiċi partikolari tal-liċenzjar tal-SEP.	(43) Id-determinazzjoni FRAND hija konsistenti wkoll mad-dritt għal rimedju effettiv u għall-aċċess għall-ġustizzja kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea peress li l-implimentatur u d-detentur tal-SEP iżommu dak id-dritt bis-sħiħ. F'każ ta' nuqqas ta' reġistrazzjoni fil-limitu ta' żmien preskritt, l-esklużjoni tad-dritt għal infurzar effettiv hija limitata u meħtieġa u tissodisfa l-objettivi tal-interess ġenerali. Kif ikkonfermat mill-QĠUE[41], il-provvista ta' soluzzjoni obbligatorja għat-tilwim bħala prekundizzjoni għall-aċċess għall-qrati kompetenti tal-Istati Membri titqies kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Id-determinazzjoni FRAND issegwi l-kundizzjonijiet għas-soluzzjoni obbligatorja tat-tilwim deskritti fis-sentenzi tal-QĠUE, filwaqt li tqis il-karatteristiċi partikolari tal-liċenzjar tal-SEP. ***Il-proċedura tad-determinazzjoni FRAND tippermetti wkoll depożitu ta' bond mill-allegat kontraventur bħala mandat ta' inibizzjoni provviżorju ta' natura finanzjarja, li tista' tintalab sabiex tiġi evitata r-restrizzjoni serja tal-attività tal-allegat kontraventur u sabiex jiġi żgurat li l-parti l-oħra tirċievi s-somma korrispondenti fil-każ ta' talba għad-danni. Barra minn hekk, id-***

	determinazzjoni FRAND bl-ebda mod ma tippreġudika l-kapaċità ta' detentur tal-SEP li jirkupra, fi proċeduri ġudizzjarji sussegwenti, kumpens għal ksur li seħħ matul id-determinazzjoni FRAND.
[41] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 2010, Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA (C-317/08), Filomena Califano vs Wind Spa (C-318/08), Lucia Anna Giorgia Iacono vs Telecom Italia SpA (C-319/08) u Multiservice Srl vs Telecom Italia SpA (C-320/08), il-Kawżi magħquda C-317/08, C-318/08, C-319/08 u C-320/08, EU:C:2010:146, u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ġunju 2017, Livia Menini and Maria Antonia Rampanelli vs Banco Popolare – Società Cooperativa, C-75/16, EU:C:2017:457	[41] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 2010, Rosalba Alassini vs Telecom Italia SpA (C-317/08), Filomena Califano vs Wind Spa (C-318/08), Lucia Anna Giorgia Iacono vs Telecom Italia SpA (C-319/08) u Multiservice Srl vs Telecom Italia SpA (C-320/08), il-Kawżi magħquda C-317/08, C-318/08, C-319/08 u C-320/08, EU:C:2010:146, u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ġunju 2017, Livia Menini and Maria Antonia Rampanelli vs Banco Popolare – Società Cooperativa, C-75/16, EU:C:2017:457.
	Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 45a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(45a) Sabiex jiġi evitat impatt negattiv possibbli għall-kumpaniji Ewropej li jinvolvu ruħhom u jikkompetu b'suċċess fir-rigward tal-iżvilupp ta' teknoloġiji globali permezz tal-istandardizzazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tevalwa l-impatt li s-sistema tal-verifika tal-essenzjalità, id-determinazzjoni aggregata tar-royalties u s-sistema ta' determinazzjoni FRAND għandhom fuq il-kompetittività tad-detenturi tal-SEPs tal-Unjoni fuq livell globali. Abbażi tal-eżitu ta' dik l-evalwazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni, meta meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva sabiex tadatta s-sistemi.
	Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) L-SMEs jistgħu jkunu involuti fil-liċenzjar tal-SEPs kemm bħala detenturi tal-SEP kif ukoll bħala implimentaturi. Filwaqt li bħalissa hemm ftit SMEs li huma detenturi tal-SEPs, l-effiċjenzi prodotti b'dan ir-Regolament x'aktarx jiffaċilitaw il-liċenzjar tal-SEPs tagħhom. Huma meħtieġa kundizzjonijiet addizzjonali biex jittaffa l-piż tal-kostijiet fuq dawn l-SMEs bħal tariffi amministrattivi mnaqqsa u tariffi potenzjalment imnaqqsa għall-verifiki tal-essenzjalità u l-konċiljazzjoni minbarra l-appoġġ u t-taħriġ bla ħlas. L-SEPs tal-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li ma jkunux is-suġġett ta' kampjunar għall-kontroll tal-essenzjalità, iżda jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproponu SEPs għall-verifiki tal-essenzjalità jekk ikunu jixtiequ. L-implimentaturi tal-SMEs jenħtieġ li jibbenefikaw bl-istess mod minn tariffi ta' aċċess imnaqqsa u appoġġ u taħriġ bla ħlas. ***Fl-aħħar nett,*** id-detenturi tal-SEPs jenħtieġ li jiġu mħeġġa jinċentivaw il-liċenzjar mill-SMEs permezz ta' skontijiet jew eżenzjonijiet ta' volum baxx mir-royalties FRAND.	(46) L-SMEs jistgħu jkunu involuti fil-liċenzjar tal-SEPs kemm bħala detenturi tal-SEP kif ukoll bħala implimentaturi ***tal-SEPs***. Filwaqt li bħalissa hemm ftit SMEs li huma detenturi tal-SEPs, l-effiċjenzi prodotti b'dan ir-Regolament x'aktarx jiffaċilitaw il-liċenzjar tal-SEPs tagħhom. Huma meħtieġa kundizzjonijiet addizzjonali biex jittaffa l-piż tal-kostijiet fuq dawn l-SMEs bħal tariffi amministrattivi mnaqqsa u tariffi potenzjalment imnaqqsa għall-verifiki tal-essenzjalità u l-konċiljazzjoni minbarra l-appoġġ u t-taħriġ bla ħlas. L-SEPs tal-intrapriżi mikro u żgħar jenħtieġ li ma jkunux is-suġġett ta' kampjunar għall-kontroll tal-essenzjalità, iżda jenħtieġ li jkunu jistgħu jipproponu SEPs għall-verifiki tal-essenzjalità jekk ikunu jixtiequ. L-implimentaturi tal-SMEs jenħtieġ li jibbenefikaw bl-istess mod minn tariffi ta' aċċess imnaqqsa u appoġġ u taħriġ bla ħlas. Id-detenturi tal-SEPs jenħtieġ li jiġu mħeġġa jinċentivaw il-liċenzjar mill-SMEs permezz ta' skontijiet jew eżenzjonijiet ta' volum baxx mir-royalties FRAND. ***Fl-aħħar nett, l-MSMEs jenħtieġ li jibbenefikaw minn punt uniku ta' servizz stabbilit miċ-ċentru ta' kompetenza li jidentifika d-detenturi tal-liċenzja u l-liċenzjaturi rilevanti għall-MSME u jagħtihom pariri, mingħajr ħlas, dwar l-SEPs. L-entitajiet li jasserixxu l-privattivi jenħtieġ li jibbenefikaw mill-eċċezzjonijiet u l-għajnuna miċ-ċentru ta' kompetenza previst f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 46a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(46a) Il-mekkaniżmi ta' appoġġ, bħall-vawċers tal-PI għall-SMEs, kienu effettivi biex jgħinu lill-SMEs jipproteġu d-drittijiet tal-PI tagħhom. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi jenħtieġ li jiġi estiż lil hinn mill-2024.

Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-privattivi li ***huma*** essenzjali għal standard li jkun ġie ppubblikat minn organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, ***li magħha d-detentur*** tal-SEPs ***ikun*** impenja ruħu li jilliċenzja l-SEPs tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND), u li ma jkunx soġġett għal politika dwar il-proprjetà intellettwali ħielsa mir-royalties,	2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-privattivi li ***jkunu ġew iddikjarati*** essenzjali għal standard li jkun ġie ppubblikat minn organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, ***irrispettivament minn jekk id-detentur*** tal-SEPs ***ikunx*** impenja ruħu ***jew le*** li jilliċenzja l-SEPs tiegħu skont termini u kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND), u li ma jkunx soġġett għal politika dwar il-proprjetà intellettwali ħielsa mir-royalties,

Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Artikoli 17 u 18 u l-Artikolu 34(1) ma għandhomx japplikaw ***għall-SEPs sal-punt li jiġu implimentati għall-każijiet ta' użu identifikati mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 4***.	3. ***Fejn ikun hemm biżżejjed evidenza li, fir-rigward ta' każijiet ta' użu identifikati ta' ċerti standards jew partijiet minnhom, in-negozjati dwar il-liċenzjar tal-SEPs fuq termini FRAND ma jwasslux għal diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern,*** l-Artikoli 17 u 18 u l-Artikolu 34(1) ma għandhomx japplikaw. ***Il-Kummissjoni għandha, wara proċess ta' konsultazzjoni xieraq li jinkludi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, permezz ta' att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 67, tistabbilixxi lista ta' tali każijiet ta' użu, standards jew partijiet minnhom. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dik il-lista darba fis-sena sabiex tiddetermina jekk hemmx bżonn li tiġi aġġornata.***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn ***ikun hemm biżżejjed evidenza li, fir-rigward ta' każijiet ta' użu identifikati ta' ċerti standards jew partijiet minnhom, in-negozjati tal-liċenzjar tal-SEPs skont termini FRAND ma jwasslux għal*** diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti ***li jaffettwaw il-funzjonament tas-suq intern,*** il-Kummissjoni għandha, wara proċess ta' konsultazzjoni xieraq, u permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 67, ***tistabbilixxi lista ta' każijiet ta' użu, standards jew*** partijiet minnhom bħal dawn, ***għall-finijiet tal-paragrafu 3***.	4. Fejn ***il-funzjonament tas-suq intern ikun imfixkel serjament minħabba*** diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti ***fil-liċenzjar tal-SEPs, dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għall-istandards eżistenti.*** Il-Kummissjoni għandha, wara proċess ta' konsultazzjoni xieraq ***li jinkludi l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***, permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 67, ***tiddetermina liema mill-istandards eżistenti,*** partijiet minnhom bħal dawn ***jew każijiet ta' użu rilevanti jistgħu jiġu nnotifikati f'konformità mal-Artikolu 66(1) jew (2), jew li għalihom tista' tintalab opinjoni esperta f'konformità***

mal-Artikolu 66(3). Il-Kummissjoni għandha tiddetermina wkoll permezz ta' dak l-att delegat liema proċeduri, rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw għal dawk l-istandards eżistenti. L-att delegat għandu jiġi adottat sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tivverifika darba fis-sena jekk il-lista għandhiex bżonn tiġi aġġornata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test mill-Artikolu 66(4) tmexxa għall-Artikolu 1, peress li jittratta l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) "privattiva essenzjali standard" jew "SEP" tfisser kwalunkwe privattiva li ***hija*** essenzjali għal standard;	(1) "privattiva essenzjali standard" jew "SEP" tfisser kwalunkwe privattiva li ***tkun ġiet iddikjarata*** essenzjali għal standard ***u li tkun fis-seħħ fi Stat Membru***;

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ("standard" tfisser speċifikazzjoni teknika, adottata minn organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, biex tiġi applikata b'mod ripetut jew kontinwu***, u li***	(3) "standard" tfisser speċifikazzjoni teknika, adottata minn organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards, biex tiġi applikata b'mod ripetut jew kontinwu;

l-konformità magħha ma hijiex obbligatorja;

Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) "każ ta' użu" tfisser xenarju speċifiku fejn teknoloġija jew metodu standardizzat partikolari jiġi applikat biex jissodisfa għan jew funzjoni partikolari ta' apparat jew servizz;

Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) "detentur ta' SEP" tfisser sid ta' SEP jew persuna li jkollha liċenzja esklużiva għal SEP f'wieħed ***minn*** aktar Stati Membri;	(6) "detentur ta' SEP" tfisser sid ta' SEP jew persuna li jkollha liċenzja esklużiva għal SEP f'wieħed ***jew*** aktar Stati Membri;

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) "diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti" tfisser waħda minn dawn li

ġejjin:

(a) impedimenti materjali: ċirkostanzi jew kundizzjonijiet fejn in-negozjar jew l-implimentazzjoni ta' ftehim ta' liċenzjar tal-SEPs, inkluż kwalunkwe nuqqas jew parti minnu, jirriżulta f'ostaklu sostantiv għall-użu, l-iżvilupp, id-distribuzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni f'waqthom u effettivi ta' prodott, servizz, jew teknoloġija;

(b) dewmien mhux raġonevoli: sitwazzjonijiet li fihom it-tul ta' żmien tan-negozjati dwar il-liċenzjar jestendi lil hinn mill-perjodi ta' żmien tas-soltu jew raġonevoli jew perjodi ta' żmien medji għal tali negozjati fl-industrija, li jirriżulta f'posponiment bla bżonn tal-konklużjoni ta' ftehim ta' liċenzjar;

(c) spejjeż eċċessivi: xenarji li fihom il-piż finanzjarju tan-negozjar jew tal-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' liċenzjar tal-SEPs ikun ferm ogħla min-normi tal-industrija jew parametri referenzjarji raġonevoli, sal-punt li jinibixxi jew jirrestrinġi redditi ġusti għad-detenturi tal-SEPs jew għad-dħul jew l-iżvilupp fis-suq, jew id-distribuzzjoni għall-implimentaturi tal-SEPs;

(d) frekwenza ta' litigazzjoni jew ta' tilwim: sitwazzjonijiet li fihom in-negozjati, il-ftehimiet, jew it-termini tal-liċenzjar tal-SEPs ikunu s-suġġett ta' tilwim legali, kontestazzjonijiet jew litigazzjonijiet rikorrenti jew simultanji multipli li jinvolvu aktar minn detentur wieħed tal-SEPs jew implimentatur tal-SEPs;

(e) l-ostakli għall-innovazzjoni: sitwazzjonijiet li fihom l-implimentazzjoni ta' standard, inkluż kwalunkwe nuqqas jew limitazzjoni tiegħu, tfixkel, tillimita, jew tnaqqas l-innovazzjoni jew l-avvanz teknoloġiku, meta mqabbla man-normi tal-industrija jew implimentazzjonijiet standard simili;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-termini "diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti" għandhom jiġu definiti peress li huma deċiżivi għall-kamp ta' applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 1(3) u (4).

Emenda 31

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) "royalties aggregati" tfisser l-ammont ***massimu*** ta' ***royalties għall-privattivi*** kollha essenzjali għal standard;	(10) "royalties aggregati" tfisser l-ammont ***totali*** ta' ***flus imħallas jew meħtieġ li jitħallas għal-liċenzjar tal-privattivi*** kollha essenzjali għal standard;

Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) "mingħajr royalties" tfisser disponibbli mingħajr ħlas ta' royalty jew mingħajr ftehim għal kwalunkwe korrispettiv ieħor, kemm jekk monetarju kif ukoll jekk mhux monetarju;

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) "grupp ta' privattivi" tfisser entità	(11) "grupp ta' privattivi" tfisser entità

maħluqa bi ftehim bejn żewġ detenturi tal-SEPs jew aktar ***biex tilliċenzja*** waħda jew aktar ***mill-privattivi tagħhom*** lil xulxin jew lil partijiet terzi;	maħluqa bi ftehim bejn żewġ detenturi tal-SEPs jew aktar***, jew konsorzju li fih diversi detenturi tal-SEPs jaqblu li jilliċenzjaw*** waħda jew aktar ***mill-SEPs tagħhom*** lil xulxin jew lil partijiet terzi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Xi gruppi ta' privattivi ma jinħolqux minn detenturi tal-SEPs iżda minn parti terza, dawk l-gruppi ta' privattivi għandhom ikunu koperti wkoll minn din il-leġiżlazzjoni.

Emenda 34

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) "ċart tal-pretensjonijiet" tfisser ***preżentazzjoni ta' korrispondenza*** bejn l-elementi (karatteristiċi) ta' pretensjoni għal privattiva waħda u tal-anqas rekwiżit wieħed ta' standard jew rakkomandazzjoni waħda ta' standard;	(13) "ċart tal-pretensjonijiet" tfisser ***dokument li jidentifika l-korrispondenza*** bejn l-elementi (karatteristiċi) ta' pretensjoni għal privattiva waħda u tal-anqas rekwiżit wieħed ta' standard jew rakkomandazzjoni waħda ta' standard;

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) "familja tal-privattivi" tfisser ġabra ta' ***dokumenti*** tal-privattivi li jkopru l-istess invenzjoni u li l-membri tagħhom għandhom l-istess prijoritajiet;	(16) "familja tal-privattivi" tfisser ġabra ta' ***applikazzjonijiet*** tal-privattivi li jkopru l-istess invenzjoni u li l-membri tagħhom għandhom l-istess prijoritajiet;

Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) "konċiljatur" tfisser kwalunkwe persuna li tkun inħatret biex tagħmilha ta' medjatur fost il-partijiet fl-istabbiliment ta' royalty aggregata f'konformità mal-Artikolu 17, biex isservi fuq bord li jipprovdi opinjoni mhux vinkolanti dwar royalty aggregata f'konformità mal-Artikolu 18 u biex isservi fid-determinazzjoni FRAND f'konformità mat-Titolu VI, li tkun indipendenti u imparzjali, u li ma jkollha l-ebda kunflitt ta' interess dirett jew indirett;

Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) "evalwatur" tfisser kwalunkwe persuna li tkun inħatret biex twettaq kontrolli tal-essenzjalità f'konformità mat-Titolu V, li tkun indipendenti u imparzjali, u li ma jkollha l-ebda kunflitt ta' interess dirett jew indirett;

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17c) "evalwatur bejn il-pari" tfisser kwalunkwe persuna li tkun inħatret biex twettaq evalwazzjoni bejn il-pari, li tkun indipendenti u imparzjali, u li ma jkollha l-ebda kunflitt ta' interess dirett jew indirett;

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(18a) "entità li tasserixxi l-privattivi" tfisser entità li primarjament tikseb id-dħul tagħha mill-infurzar jew il-liċenzjar ta' privattivi, inkluż kwalunkwe dannu jew għotja monetarja mill-asserzjoni ta' tali privattivi, u li ma tinvolvix ruħha fil-produzzjoni, il-manifattura, il-bejgħ, jew id-distribuzzjoni ta' oġġetti jew servizzi li jużaw l-invenzjonijiet bi privattiva jew fir-riċerka u l-iżvilupp ta' tali invenzjonijiet, li ma hijiex istituzzjoni edukattiva jew ta' riċerka, jew organizzazzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija li tiffaċilita l-kummerċjalizzazzjoni ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi ġġenerati minnhom, u li ma hijiex inventur individwali li jasserixxi privattivi oriġinarjament mogħtija lil dak l-inventur jew privattivi li jkopru teknoloġiji oriġinarjament żviluppati minn dak l-inventur.

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jistabbilixxi u jżomm reġistru elettroniku u bażi tad-data elettronika għall-SEPs;	(a) jistabbilixxi u jżomm reġistru elettroniku u bażi tad-data elettronika għall-SEPs ***f'konformità mal-Artikoli 4 u 5***;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jistabbilixxi u jimmaniġġa rosters ta' evalwaturi u ta' konċiljaturi;	(b) jistabbilixxi u jimmaniġġa rosters ta' evalwaturi u ta' konċiljaturi ***f'konformità mal-Artikolu 27***;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jistabbilixxi u jamministra sistema għall-valutazzjoni tal-essenzjalità tal-SEPs;	(c) jistabbilixxi u jamministra sistema għall-valutazzjoni tal-essenzjalità tal-SEPs ***f'konformità mal-Artikoli 28 sa 33***;

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistabbilixxi u jamministra l-proċess għad-determinazzjoni FRAND;	(d) jistabbilixxi u jamministra l-proċess għad-determinazzjoni FRAND ***f'konformità mal-Artikoli 34 sa 58***;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jamministra proċess ***għad-determinazzjoni*** tar-royalties aggregati;	(f) jamministra proċess ***għall-iffaċilitar tal-ftehimiet dwar u d-determinazzjoni*** tar-royalties aggregati ***f'konformità mal-Artikoli 17 u 18***;

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-pubblikazzjoni tar-riżultati u tal-opinjonijiet motivati tal-verifiki tal-essenzjalità u tar-rapporti mhux kunfidenzjali tad-determinazzjonijiet FRAND;	(i) il-pubblikazzjoni tar-riżultati u tal-opinjonijiet motivati tal-verifiki tal-essenzjalità u tar-rapporti mhux kunfidenzjali tad-determinazzjonijiet FRAND ***f'konformità mal-Artikolu 33(1) u l-Artikolu 57(3)***;

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) jiffaċilita l-aċċess għall-ġurisprudenza (inkluża s-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim) dwar l-SEPs, inkluż minn ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi;	(ii) jiffaċilita l-aċċess għall-ġurisprudenza (inkluża s-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim) dwar l-SEPs, inkluż minn ġuriżdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi***, f'konformità mal-Artikolu 13(3)***;

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) jiġbor informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar il-metodoloġiji ta' determinazzjoni FRAND u r-royalties FRAND;	(iii) jiġbor informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar il-metodoloġiji ta' determinazzjoni FRAND u r-royalties FRAND ***f'konformità mal-Artikoli 13(4) u (5)***;

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt g – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) jiffaċilita l-aċċess għar-regoli relatati mal-SEPs ta' pajjiżi terzi;	(iv) jiffaċilita l-aċċess għar-regoli relatati mal-SEPs ta' pajjiżi terzi ***f'konformità mal-Artikolu 12***;

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jipprovdi taħriġ, appoġġ u pariri ġenerali dwar l-SEPs lill-SMEs;	(h) ***jistabbilixxi u jżomm punt uniku ta' servizz għall-SMEs u*** jipprovdi taħriġ, appoġġ u pariri ġenerali dwar l-SEPs lill-SMEs ***f'konformità mal-Artikolu 61***;

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Huwa*** stabbilit reġistru tal-Unjoni għall-SEPs ("ir-reġistru").	1. ***Għandu jiġi*** stabbilit reġistru tal-Unjoni għall-SEPs ("ir-reġistru") ***u jinżamm f'format elettroniku miċ-ċentru ta' kompetenza***.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-reġistru għandu jinżamm f'format elettroniku miċ-ċentru ta' kompetenza.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kontenut inkluż fl-Artikolu 4(1).

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk id-detentur tal-SEP ikun parti minn ***grupp ta' kumpaniji***, l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-kumpanija omm;	(f) jekk id-detentur tal-SEP ikun ***affiljat, sussidjarju jew*** parti minn ***kumpanija waħda jew aktar***, l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-kumpanija omm;

Or. en

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) l-eżistenza ta' kwalunkwe terminu u kundizzjoni standard ***pubbliċi***, inklużi l-politiki tar-royalties u tal-iskonti tad-detentur tal-SEP;	(h) l-eżistenza ta' kwalunkwe terminu u kundizzjoni standard ***disponibbli għall-pubbliku***, inklużi l-politiki tar-royalties u tal-iskonti tad-detentur tal-SEP;

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-eżistenza ta' kwalunkwe terminu u kundizzjoni standard ***pubbliċi*** għal-liċenzjar tal-SEPs lill-SMEs;	(i) l-eżistenza ta' kwalunkwe terminu u kundizzjoni standard ***disponibbli għall-pubbliku*** għal-liċenzjar tal-SEPs lill-SMEs;

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) id-disponibbiltà għal-liċenzjar permezz ta' gruppi ta' privattivi, fejn applikabbli;	(j) id-disponibbiltà għal-liċenzjar permezz ta' gruppi ta' privattivi ***u l-isem tal-grupp rispettiv ta' privattivi***, fejn applikabbli;

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni dwar jekk l-SEP hijiex skaduta ***jew*** invalidata b'sentenza finali ta' qorti kompetenti ta' Stat Membru;	(d) informazzjoni dwar jekk l-SEP hijiex skaduta***,*** invalidata ***jew meqjusa mhux eżegwibbli*** b'sentenza finali ta' qorti kompetenti ta' Stat Membru;

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jistabbilixxi u jżomm bażi tad-data elettronika għall-SEPs.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-termini u l-kundizzjonijiet standard ***pubbliċi***, inklużi l-politiki tar-royalties u tal-iskonti tad-detentur tal-SEP skont l-Artikolu 7(1)(b), jekk disponibbli;	(b) it-termini u l-kundizzjonijiet standard ***disponibbli għall-pubbliku***, inklużi l-politiki tar-royalties u tal-iskonti tad-detentur tal-SEP skont l-Artikolu 7(1)(b), jekk disponibbli;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) termini u kundizzjonijiet standard ***pubbliċi*** għal-liċenzjar tal-SEPs lill-SMEs skont l-Artikolu 62(1), jekk disponibbli;	(c) termini u kundizzjonijiet standard ***disponibbli għall-pubbliku*** għal-liċenzjar tal-SEPs lill-SMEs skont l-Artikolu 62(1), jekk disponibbli;

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) informazzjoni dwar prodotti, proċessi, servizzi jew sistemi magħrufa u implimentazzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)***(b)***;	(d) informazzjoni dwar prodotti, proċessi, servizzi jew sistemi magħrufa u implimentazzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)***(a)***;

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-aċċess għall-informazzjoni skont il-paragrafu (2), il-punti (f), (h), (i), (j) u (k) jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' tariffa.	3. L-aċċess għall-informazzjoni skont il-paragrafu (2), il-punti (f), (h), (i), (j) u (k) ***għandu jkun disponibbli għal kwalunkwe parti terza soġġetta għal reġistrazzjoni maċ-ċentru ta' kompetenza u*** jista' jkun soġġett għall-ħlas ta' tariffa.

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-qrati, għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni fil-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu (2) mingħajr ħlas soġġett għal reġistrazzjoni maċ-ċentru ta' kompetenza.	4. Madankollu, l-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-qrati, għandu jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni fil-bażi tad-data msemmija fil-paragrafu (2) mingħajr ħlas soġġett għal reġistrazzjoni maċ-ċentru ta' kompetenza. ***L-istituzzjonijiet akkademiċi jistgħu jitolbu wkoll aċċess għall-informazzjoni mingħajr ħlas. L-aċċess għall-informazzjoni għandu jkun soġġett għal approvazzjoni każ b'każ miċ-ċentru ta' kompetenza.***

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta parti titlob li d-data u d-	1. Meta parti titlob li d-data u d-

dokumenti tal-bażi tad-data jinżammu kunfidenzjali, dik il-parti għandha tipprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali f'dettall suffiċjenti biex tippermetti fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali. Iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jiżvela dik il-verżjoni mhux kunfidenzjali.	dokumenti tal-bażi tad-data jinżammu kunfidenzjali, dik il-parti għandha tipprovdi verżjoni mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali f'dettall suffiċjenti biex tippermetti fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni sottomessa b'mod kunfidenzjali ***u tipprovdi raġunijiet għall-kunfidenzjalità***. Iċ-ċentru ta' kompetenza jista' jiżvela dik il-verżjoni mhux kunfidenzjali.

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Informazzjoni ***relatata mal-essenzjalità***	Informazzjoni ***dwar l-essenzjalità***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe kontroll tal-essenzjalità qabel [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] minn evalwatur indipendenti fil-kuntest ta' grupp, li jidentifika n-numru tar-reġistrazzjoni tal-SEP, l-identità tal-grupp ta' privattivi u l-amministratur tiegħu, u l-evalwatur.	(b) kwalunkwe kontroll tal-essenzjalità qabel [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] minn evalwatur indipendenti fil-kuntest ta' grupp ***ta' privattivi***, li jidentifika n-numru tar-reġistrazzjoni tal-SEP, l-identità tal-grupp ta' privattivi u l-amministratur tiegħu, u l-evalwatur.

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-gruppi ta' privattivi għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja u jinfurmaw liċ-ċentru ta' kompetenza b'dan:	***1.*** Il-gruppi ta' privattivi għandhom jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom mill-inqas l-informazzjoni ***preċiża u aġġornata*** li ġejja u jinfurmaw liċ-ċentru ta' kompetenza b'dan:

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) lista ta' prodotti, servizzi u proċessi li jistgħu jiġu liċenzjati permezz tal-grupp ta' privattivi ***jew tal-entità***;	(g) lista ta' prodotti, servizzi u proċessi li jistgħu jiġu liċenzjati permezz tal-grupp ta' privattivi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-entità hija diġà koperta mid-definizzjoni l-ġdida ta' gruppi ta' privattivi fl-Artikolu 2.

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) il-politika dwar ir-royalties u l-iskonti għal kull ***kategorija ta' prodotti***;	(h) il-politika dwar ir-royalties u l-iskonti għal kull ***każ ta' utent***;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) ftehim ta' liċenzja standard għal kull ***kategorija ta' prodotti***;	(i) ftehim ta' liċenzja standard għal kull ***każ ta' utent***;

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) lista ta' detenturi ta' liċenzja għal kull ***kategorija ta' prodotti***.	(k) lista ta' detenturi ta' liċenzja għal kull ***każ ta' utent***.

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jivverifika sistematikament l-informazzjoni sottomessa minn gruppi ta' privattivi f'konformità mal-paragrafu 1 fuq bażi regolari u mill-inqas darba fis-sena, abbażi ta' metodoloġija li jiżviluppa għal dan l-għan, filwaqt li jiżgura li l-proċess ta' verifika jkun dettaljat, trasparenti u konsistenti. Dik il-metodoloġija għandha tkun disponibbli għal gruppi ta' privattivi u għal partijiet ikkonċernati oħra minħabba raġunijiet ta' trasparenza.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jħejji rapport li jagħti dettalji dwar l-eżiti tal-verifika tiegħu inkluż fir-rigward tal-konformità tal-gruppi ta' privattivi mal-paragrafu 1, kwalunkwe diskrepanza jew informazzjoni nieqsa identifikata, u l-azzjonijiet korrettivi meħuda jew rakkomandati. Dak ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni fi żmien xahar wara t-tlestija ta' kull ċiklu ta' verifika.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***proċeduri ta'*** ksur;	(b) ksur;

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kwalunkwe persuna tista' tipprovdi liċ-ċentru ta' kompetenza b'tali informazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar	2. Kwalunkwe persuna tista' tipprovdi liċ-ċentru ta' kompetenza b'tali informazzjoni kif ukoll informazzjoni dwar

aġġornamenti, korrezzjonijiet u konsultazzjonijiet pubbliċi. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jippubblika dik l-informazzjoni fil-bażi tad-data.	aġġornamenti, korrezzjonijiet u konsultazzjonijiet pubbliċi. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jippubblika dik l-informazzjoni fil-bażi tad-data ***wara li jivverifika l-akkuratezza tagħha***.

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-iffaċilitar tal-valutazzjonijiet tal-prattiki ta' liċenzjar tal-SEPs u l-impatt tagħhom fuq is-suq intern, l-innovazzjoni, u l-aċċess għal teknoloġija standardizzata.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Article 14 – paragraph 1 – introductory part

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenturi ta' ***privattiva*** fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar li ***hija*** essenzjali għal standard li għalih ikunu saru impenji FRAND għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni li ġejja liċ-ċentru ta' kompetenza, fejn possibbli permezz tal-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards jew permezz ta' notifika konġunta:	1. Id-detenturi ta' ***privattivi*** fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar li ***huma ddikjarati bħala*** essenzjali għal standard li għalih ikunu saru impenji FRAND għandhom jinnotifikaw l-informazzjoni li ġejja liċ-ċentru ta' kompetenza, fejn possibbli permezz tal-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards jew permezz ta' notifika konġunta:

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika wkoll lill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandard rilevanti dwar ***l-pubblikazzjoni***. Fil-każ ta' notifika skont il-paragrafi (3) u (4), dan għandu jinnotifika wkoll, fejn possibbli, lid-detenturi magħrufa tal-SEP individwalment jew jitlob konferma mill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards li hija tkun innotifikat kif xieraq lid-detenturi tal-SEP.	5. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika wkoll lill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandard rilevanti dwar ***in-notifika***. Fil-każ ta' notifika skont il-paragrafi (3) u (4), dan għandu jinnotifika wkoll, fejn possibbli, lid-detenturi magħrufa tal-SEP individwalment jew jitlob konferma mill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards li hija tkun innotifikat kif xieraq lid-detenturi tal-SEP.

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Id-detenturi tal-SEPs fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar li għalihom ikunu saru impenji FRAND jistgħu jinnotifikaw b'mod konġunt liċ-ċentru ta' kompetenza dwar ir-royalties aggregati għall-SEPs li jkopru standard.	1. Id-detenturi tal-SEPs fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar li għalihom ikunu saru impenji FRAND jistgħu jinnotifikaw b'mod konġunt liċ-ċentru ta' kompetenza dwar ir-royalties aggregati għall-SEPs ***tagħhom*** li jkopru standard.

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċess għall-iffaċilitar ta' ftehimiet dwar ***id-determinazzjonijiet tar-royalties***	Proċess għall-iffaċilitar ta' ftehimiet ***bejn id-detenturi tal-SEPs*** dwar ***ir-royalties***

aggregati	aggregati

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-perċentwal stmat ta' SEPs li huma jippossjedu individwalment u kollettivament mill-SEPs ***potenzjali*** kollha ddikjarati għall-istandard.	(e) il-perċentwal stmat ta' SEPs li huma jippossjedu individwalment u kollettivament mill-SEPs kollha ddikjarati għall-istandard.

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Opinjoni esperta mhux vinkolanti ***dwar ir-royalties aggregati***	***Determinazzjoni ta' royalty aggregata minn*** opinjoni esperta mhux vinkolanti

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards rilevanti u lill-partijiet ikkonċernati ***magħrufa*** kollha bit-talba. Huwa għandu jippubblika t-talba fuq is-sit web tal-EUIPO u għandu jistieden	4. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-organizzazzjoni għall-iżvilupp tal-istandards rilevanti u lill-partijiet ikkonċernati ***rilevanti*** kollha bit-talba. Huwa għandu jippubblika t-talba fuq is-sit web tal-EUIPO u għandu jistieden

lill-partijiet ikkonċernati jesprimu interess li jipparteċipaw fil-proċess fi żmien 30 jum mill-jum meta tkun ġiet ippubblikata t-talba.	lill-partijiet ikkonċernati jesprimu interess li jipparteċipaw fil-proċess fi żmien 30 jum mill-jum meta tkun ġiet ippubblikata t-talba.

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	8a. Il-Bord għandu jippermetti lill-parteċipanti jissottomettu tweġibiet għas-sottomissjonijiet previsti fil-paragrafu 8.

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Il-bord għandu jqis kif xieraq is-sottomissjonijiet previsti ***fil-paragrafu 8*** u jiddeċiedi:	9. Il-bord għandu jqis kif xieraq is-sottomissjonijiet ***u t-tweġibiet*** previsti ***fil-paragrafi 8 u 8a*** u jiddeċiedi:

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li ***jissospendi l-proċedura*** għall-opinjoni esperta dwar ir-royalties aggregati għal perjodu inizjali ta' mhux aktar minn 6	(a) li ***tingħata sospensjoni tal-proċedura*** għall-opinjoni esperta dwar ir-royalties aggregati għal perjodu inizjali ta'

xhur, li jista' jiġi estiż ulterjorment fuq il-bażi ta' talba ġġustifikata kif xieraq minn wieħed mid-detenturi tal-SEPs parteċipanti, jew	mhux aktar minn 6 xhur, li jista' jiġi estiż ulterjorment ***għal perjodu ieħor ta' tliet xhur*** fuq il-bażi ta' talba ġġustifikata kif xieraq minn wieħed mid-detenturi tal-SEPs parteċipanti, jew

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
11. ***1L-opinjoni*** esperta għandha tinkludi sommarju tal-informazzjoni pprovduta fit-talba, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2), l-ismijiet tal-konċiljaturi, il-proċedura, ir-raġunijiet għall-opinjoni dwar ir-royalties aggregati u l-metodoloġija sottostanti. ***Ir-raġunijiet għal*** kwalunkwe fehma diverġenti għandhom jiġu speċifikati f'anness għall-opinjoni esperta.	11. ***L-opinjoni*** esperta għandha tinkludi sommarju tal-informazzjoni pprovduta fit-talba, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(2), l-ismijiet tal-konċiljaturi, il-proċedura, ir-raġunijiet għall-opinjoni dwar ir-royalties aggregati u l-metodoloġija sottostanti. Kwalunkwe fehma diverġenti ***u r-raġunijiet warajhom*** għandhom jiġu speċifikati f'anness għall-opinjoni esperta.

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Detentur ta' SEP għandu jaġġorna l-informazzjoni fir-reġistru u fil-bażi tad-data biex jirrifletti l-bidliet rilevanti fir-rigward tal-SEP reġistrat tiegħu billi jinnotifika liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 6 xhur minn mindu sseħħ il-bidla.	5. Detentur ta' SEP għandu jaġġorna l-informazzjoni fir-reġistru***, ħlief għall-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 4(3), il-punt (c),*** u fil-bażi tad-data biex jirrifletti l-bidliet rilevanti fir-rigward tal-SEP reġistrat tiegħu billi jinnotifika liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 6 xhur minn mindu sseħħ il-bidla.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-detenturi tal-SEP jaġġornaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ħafna drabi skont l-Artikolu 4, il-paragrafu 3(c). Dawn ma għandhomx jiġu ffaċċjati b'piż amministrattiv addizzjonali jekk ma jkunx hemm valur miżjud għat-trasparenza.

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika t-talba lid-detentur tal-SEP u jistieden lid-detentur tal-SEP ***jikkoreġi l-entrata*** fir-reġistru jew l-informazzjoni sottomessa għall-bażi tad-data, fejn rilevanti f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn xahrejn.	3. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika t-talba ***magħmula f'konformità mal-paragrafu 2*** lid-detentur tal-SEP u jistieden lid-detentur tal-SEP ***jitlob korrezzjoni tal-entrata*** fir-reġistru jew l-informazzjoni sottomessa għall-bażi tad-data, fejn rilevanti f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn xahrejn.

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lid-detentur tal-SEP u jistieden lid-detentur tal-SEP ***jikkoreġi l-entrata*** fir-reġistru jew l-informazzjoni sottomessa għall-bażi tad-data, fejn rilevanti f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn xahrejn, meta ċ-ċentru ta' kompetenza jiġi infurmat minn qorti kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 10(1) jew uffiċċju tal-privattivi jew minn kwalunkwe parti terza dwar:	4. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lid-detentur tal-SEP u jistieden lid-detentur tal-SEP ***jitlob korrezzjoni tal-entrata*** fir-reġistru jew l-informazzjoni sottomessa għall-bażi tad-data, fejn rilevanti f'limitu ta' żmien ta' mhux inqas minn xahrejn, meta ċ-ċentru ta' kompetenza jiġi infurmat minn qorti kompetenti ta' Stat Membru skont l-Artikolu 10(1) jew uffiċċju tal-privattivi jew minn kwalunkwe parti terza dwar:

Or. en

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Iċ-ċentru ta' kompetenza ***jista'*** jikkoreġi kwalunkwe żball lingwistiku jew żball ta' traskrizzjoni u ta' sorveljanza evidenti jew żbalji tekniċi attribwibbli għalih fir-reġistru u fil-bażi tad-data minn jeddu.	8. Iċ-ċentru ta' kompetenza ***għandu*** jikkoreġi kwalunkwe żball lingwistiku jew żball ta' traskrizzjoni u ta' sorveljanza evidenti jew żbalji tekniċi attribwibbli għalih fir-reġistru u fil-bażi tad-data minn jeddu.

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-evalwaturi u l-konċiljaturi għandhom jaderixxu ma' kodiċi ta' kondotta.	3. L-evalwaturi u l-konċiljaturi ***għandu jkollhom l-għarfien espert u l-esperjenza meħtieġa, ikunu imparzjali u indipendenti u*** għandhom jaderixxu ma' kodiċi ta' kondotta.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jistabbilixxi roster ta' kandidati xierqa għall-evalwaturi jew għall-konċiljaturi. Jista' jkun hemm rosters differenti ta' evalwaturi u ta' konċiljaturi skont iż-żona teknika tal-ispeċjalizzazzjoni jew tal-	2. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jistabbilixxi roster ta' kandidati xierqa għall-evalwaturi jew għall-konċiljaturi. ***Tali kandidati għandhom ikunu imparzjali, ikkwalifikati biżżejjed, ikollhom esperjenza sostanzjali fl-***

għarfien espert tagħhom.

industrija tal-privattivi u preferibbilment jiġu minn istituzzjonijiet nazzjonali, tal-Unjoni jew internazzjonali. Jista' jkun hemm rosters differenti ta' evalwaturi u ta' konċiljaturi skont iż-żona teknika tal-ispeċjalizzazzjoni jew tal-għarfien espert tagħhom.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull sena, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jagħżel kampjun ta' SEPs reġistrati minn familji differenti ta' privattivi minn kull detentur ta' SEPs u fir-rigward ta' kull standard speċifiku fir-reġistru għall-verifiki tal-essenzalità. SEPs reġistrati ta' intrapriżi mikro u żgħar għandhom jiġu eskluży mill-proċess ta' kampjunar annwali. Il-verifiki għandhom jitwettqu abbażi ta' metodoloġija li tiżgura l-istabbiliment ta' għażla ġusta u statistikament valida li tista' tipproduċi riżultati akkurati biżżejjed dwar ir-rata ta' essenzalità fl-SEPs reġistrati kollha ta' detentur ta' SEPs fir-rigward ta' kull standard speċifiku fir-reġistru. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-metodoloġija dettaljata. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).	1. Kull sena, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jagħżel kampjun ta' SEPs reġistrati minn familji differenti ta' privattivi minn kull detentur ta' SEPs u fir-rigward ta' kull standard speċifiku fir-reġistru għall-verifiki tal-essenzalità. SEPs reġistrati ta' intrapriżi mikro u żgħar għandhom jiġu eskluży mill-proċess ta' kampjunar annwali***, sakemm ma jkunux entità li tasserixxi l-privattivi jew sussidjarja, affiljata jew proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra li ma hijiex MSME nnifisha, jew ikkontrollata direttament jew indirettament minnha***. Il-verifiki għandhom jitwettqu abbażi ta' metodoloġija li tiżgura l-istabbiliment ta' għażla ġusta u statistikament valida li tista' tipproduċi riżultati akkurati biżżejjed dwar ir-rata ta' essenzalità fl-SEPs reġistrati kollha ta' detentur ta' SEPs fir-rigward ta' kull standard speċifiku fir-reġistru. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament] il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tiddetermina l-metodoloġija dettaljata. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-kumpaniji fittizji u l-entitajiet li jasserixxu l-privattivi ma jkunux jistgħu jibbenefikaw minn din l-esklużjoni.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk SEP magħżula għall-verifika tal-essenzjalità kienet diġà s-suġġett ta' verifika tal-essenzjalità preċedenti jew li għadha għaddejja skont dan it-titolu jew ta' deċiżjoni jew verifika tal-essenzjalità msemmija fl-Artikolu 8, ma għandha ssir l-ebda verifika tal-essenzjalità addizzjonali. Ir-riżultat mill-verifika jew mid-deċiżjoni preċedenti tal-essenzjalità għandu jintuża għad-determinazzjoni tal-perċentwal ta' kampjun għal kull detentur tal-SEPs u għal kull standard reġistrat speċifiku li jkun għadda b'suċċess mill-verifika tal-essenzjalità.	4. Jekk SEP magħżula għall-verifika tal-essenzjalità kienet diġà s-suġġett ta' verifika tal-essenzjalità preċedenti jew li għadha għaddejja skont dan it-titolu jew ta' deċiżjoni jew verifika tal-essenzjalità msemmija fl-Artikolu 8, ma għandha ssir l-ebda verifika tal-essenzjalità addizzjonali ***sakemm ma jkunx japplika l-paragrafu 4a***. Ir-riżultat mill-verifika jew mid-deċiżjoni preċedenti tal-essenzjalità għandu jintuża għad-determinazzjoni tal-perċentwal ta' kampjun għal kull detentur tal-SEPs u għal kull standard reġistrat speċifiku li jkun għadda b'suċċess mill-verifika tal-essenzjalità.

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Jekk evalwatur ikollu biżżejjed raġuni biex jemmen li kontroll preċedenti tal-essenzjalità mwettaq skont l-Artikolu 8, il-punt (b), jista' ma jkunx preċiż, l-evalwatur għandu jkollu l-awtorità li jirrieżamina r-riżultat ta' dik il-verifika preċedenti. Jekk, wara r-rieżami, l-evalwatur jikkonkludi li r-riżultat tal-verifika tal-essenzjalità preċedenti ma

kienx preċiż, huwa għandu jwettaq kontroll ġdid tal-essenzjalità għall-SEP speċifiku inkwistjoni.

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-parti rispondenti għandha tinnotifika liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 15-il jum mill-wasla tan-notifika tat-talba għad-determinazzjoni FRAND miċ-ċentru ta' kompetenza f'konformità mal-paragrafu (1). It-tweġiba għandha tindika jekk il-parti rispondenti taqbilx mad-determinazzjoni FRAND ***u jekk hijiex impenjata li tikkonforma mal-eżitu tagħha***.	2. Il-parti rispondenti għandha tinnotifika liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 15-il jum mill-wasla tan-notifika tat-talba għad-determinazzjoni FRAND miċ-ċentru ta' kompetenza f'konformità mal-paragrafu (1). It-tweġiba għandha tindika jekk il-parti rispondenti taqbilx mad-determinazzjoni FRAND .

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta l-parti rispondenti ma tirrispondix fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu (2) jew tinforma liċ-ċentru ta' kompetenza bid-deċiżjoni tagħha li ma tiħux sehem fid-determinazzjoni FRAND***, jew li ma tiħux impenn li tikkonforma mal-eżitu,*** għandu japplika dan li ġej:	3. Meta l-parti rispondenti ma tirrispondix fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu (2) jew tinforma liċ-ċentru ta' kompetenza bid-deċiżjoni tagħha li ma tiħux sehem fid-determinazzjoni FRAND għandu japplika dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-parti rikjedenti b'dan u jistedinha tindika fi żmien 7 ijiem jekk titlobx il-kontinwazzjoni tad-determinazzjoni FRAND ***u jekk timpenjax ruħha li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND***;	(a) iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-parti rikjedenti b'dan u jistedinha tindika fi żmien 7 ijiem jekk titlobx il-kontinwazzjoni tad-determinazzjoni FRAND;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 3– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-parti rikjedenti titlob il-kontinwazzjoni tad-determinazzjoni FRAND ***u timpenja ruħha għall-eżitu tagħha***, id-determinazzjoni FRAND għandha tkompli, iżda l-Artikolu 34(1) ma għandux japplika għall-proċedimenti tal-qorti għall-parti rikjedenti fir-rigward tal-istess suġġett***.***	(b) meta l-parti rikjedenti titlob il-kontinwazzjoni tad-determinazzjoni FRAND, id-determinazzjoni FRAND għandha tkompli, iżda l-Artikolu 34(1) ma għandux japplika għall-proċedimenti tal-qorti għall-parti rikjedenti fir-rigward tal-istess suġġett***;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-parti rispondenti taqbel mad-determinazzjoni FRAND ***u timpenja ruħha li tikkonforma mal-eżitu tagħha skont il-paragrafu (2), inkluż fejn tali impenn ikun kontinġenti fuq l-impenn tal-parti rikjedenti li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND,*** għandu japplika dan li ġej:	4. Meta l-parti rispondenti taqbel mad-determinazzjoni FRAND għandu japplika dan li ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-parti rikjedenti b'dan ***u jitlobha tinforma liċ-ċentru ta' kompetenza fi żmien 7 ijiem jekk hija timpenjax ruħha wkoll li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND. F'każ ta' aċċettazzjoni tal-impenn mill-parti rikjedenti, id-determinazzjoni FRAND għandha tkompli u l-eżitu għandu jkun vinkolanti għaż-żewġ***	(a) iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-parti rikjedenti b'dan;

partijiet;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 4– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-parti rikjedenti ma tirrispondix fil-limitu ta' żmien imsemmi fis-subparagrafu (a) jew tinforma liċ-ċentru ta' kompetenza bid-deċiżjoni tagħha li ma timpenjax ruħha li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jinnotifika lill-parti rispondenti u jistedinha tindika fi żmien 7 ijiem jekk titlobx il-kontinwazzjoni tad-determinazzjoni FRAND.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Meta kwalunkwe parti timpenja ruħha li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND, filwaqt li l-parti l-oħra tonqos milli tagħmel dan fit-	***imħassar***

termini ta' żmien applikabbli, iċ-ċentru ta' kompetenza għandu jadotta avviż ta' impenn għad-determinazzjoni FRAND u jinnotifika lill-partijiet fi żmien 5 ijiem mill-iskadenza tal-limitu ta' żmien biex jiġi pprovdut l-impenn. L-avviż ta' impenn għandu jinkludi l-ismijiet tal-partijiet, is-suġġett tad-determinazzjoni FRAND, sommarju tal-proċedura u informazzjoni dwar l-impenn ippruvdut jew dwar in-nuqqas ta' impenn għal kull parti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Jekk il-konċiljatur jiddeċiedi li l-oġġezzjoni hija fondata, ***dan*** għandu jittermina d-determinazzjoni FRAND u għandu jfassal rapport li jiddikjara r-raġunijiet tad-deċiżjoni.	3. Jekk il-konċiljatur jiddeċiedi li l-oġġezzjoni hija fondata, ***huwa*** għandu jittermina d-determinazzjoni FRAND u għandu jfassal rapport li jiddikjara r-raġunijiet tad-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tonqos milli tikkonforma ma' kwalunkwe talba tal-konċiljatur, mar-Regoli ta' proċedura jew mal-iskeda ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 42(2),	(a) tonqos milli tikkonforma ***mal-Artikolu 45(3) jew*** ma' kwalunkwe talba tal-konċiljatur, mar-Regoli ta' proċedura jew mal-iskeda ta' proċedura msemmija fl-

Artikolu 42(2),

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tirtira l-impenn tagħha li tikkonforma mal-eżitu tad-determinazzjoni FRAND kif stabbilit fl-Artikolu 38, jew	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jistennew l-eżitu tal-proċedura tad-determinazzjoni FRAND sabiex jiddeċiedu jekk iridux jintrabtu bir-riżultat.

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun ingħata bidu għal proċediment parallel qabel jew matul id-determinazzjoni FRAND minn parti, mill-konċiljatur, jew fejn ma jkunx ġie maħtur, iċ-ċentru ta' kompetenza, għandu jtemm id-determinazzjoni FRAND fuq talba ***ta' kwalunkwe parti*** oħra.	2. Meta jkun ingħata bidu għal proċediment parallel qabel jew matul id-determinazzjoni FRAND minn parti, mill-konċiljatur, jew fejn ma jkunx ġie maħtur, iċ-ċentru ta' kompetenza, għandu jtemm id-determinazzjoni FRAND fuq talba ***tal-parti*** oħra.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konċiljatur jista' jeżamina informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u r-reġistru taċ-ċentru ta' kompetenza u r-rapporti kunfidenzjali u mhux kunfidenzjali ta' determinazzjonijiet oħra FRAND, kif ukoll dokumenti u informazzjoni mhux kunfidenzjali prodotti minn jew sottomessi liċ-ċentru ta' kompetenza.	2. Il-konċiljatur jista' jeżamina informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u r-reġistru taċ-ċentru ta' kompetenza***, il-bażi ta' data*** u r-rapporti kunfidenzjali u mhux kunfidenzjali ta' determinazzjonijiet oħra FRAND, ***determinazzjonijiet aggregati ta' royalties u riżultati ta' verifiki ta' essenzjalità,*** kif ukoll dokumenti u informazzjoni mhux kunfidenzjali prodotti minn jew sottomessi liċ-ċentru ta' kompetenza.

Or. en

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Qorti kompetenti ta' Stat Membru, mitluba tiddeċiedi dwar id-determinazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet FRAND, inkluż abbuż ta' każijiet ta' dominanza fost partijiet privati, jew talba ta' ksur ta' SEP dwar SEP fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar soġġetti għad-determinazzjoni FRAND, ma għandhiex tipproċedi bl-eżami tal-merti ta' dik il-pretensjoni, sakemm ma tkunx ġiet innotifikata b'avviż ta' terminazzjoni tad-determinazzjoni FRAND***, jew, fil-każijiet previsti fl-Artikolu 38(3)(b) u fl-Artikolu 38(4)(c), b'avviż ta' impenn skont l-Artikolu 38(5)***.	4. Qorti kompetenti ta' Stat Membru, mitluba tiddeċiedi dwar id-determinazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet FRAND, inkluż abbuż ta' każijiet ta' dominanza fost partijiet privati, jew talba ta' ksur ta' SEP dwar SEP fis-seħħ fi Stat Membru wieħed jew aktar soġġetti għad-determinazzjoni FRAND, ma għandhiex tipproċedi bl-eżami tal-merti ta' dik il-pretensjoni, sakemm ma tkunx ġiet innotifikata b'avviż ta' terminazzjoni tad-determinazzjoni FRAND.

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Taħriġ, pariri u appoġġ	***Punt uniku ta' servizz għall-MSMEs***

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu joffri taħriġ u appoġġ dwar kwistjonijiet relatati mal-SEPs ***għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju mingħajr ħlas***.	1. Iċ-ċentru ta' kompetenza għandu ***jistabbilixxi u jamministra punt uniku ta' kuntatt għall-MSMEs, li għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin mingħajr ħlas:*** ***(a) jgħin lill-MSMEs jidentifikaw liema SEPs jistgħu jkunu rilevanti għall-prodott jew għas-servizz tagħhom u għal-liċenzjaturi possibbli, f'każ li l-MSMEs ikunu implimentatur tal-SEPs;*** ***(b) jgħin lill-MSMEs jidentifikaw detenturi possibbli ta' liċenzja u bl-għajnuna tal-Osservatorju Ewropew dwar il-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jagħti pariri lill-MSMEs dwar kif l-aħjar jinfurzaw id-drittijiet tal-SEPs tagħhom fil-livell Ewropew u globali, f'każ li l-MSME tkun detentur ta' SEP;*** ***(c)*** joffri taħriġ u appoġġ dwar kwistjonijiet relatati mal-SEPs***;*** ***Iċ-ċentru ta' kompetenza ma għandu jinżamm responsabbli għall-ebda għajnuna pprovduta lill-MSMEs skont dan l-Artikolu***.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal entitajiet li jasserixxu l-privattivi jew għal MSMEs, li huma sussidjarji, affiljati, jew proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra li ma hijiex MSME nnifisha, jew ikkontrollati direttament jew indirettament minnha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din iż-żieda hija meħtieġa sabiex il-kumpaniji fittizji u l-entitajiet tad-dikjarazzjoni tal-privattivi jiġu esklużi milli jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet tal-MSMEs.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-livell tat-tariffi għandu jkun raġonevoli u ***għandu jikkorrispondi*** mal-ispejjeż tas-servizzi. Għandu jqis is-sitwazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.	4. Il-livell tat-tariffi għandu jkun raġonevoli u ***limitat*** mal-ispejjeż tas-servizzi. Għandu jqis is-sitwazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 28 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan	1. Sa [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 28 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan

ir-regolament] id-detenturi tal-SEPs essenzjali għal standard ippubblikat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ("standards eżistenti"), li għalihom ikunu saru impenji FRAND, jistgħu jinnotifikaw liċ-ċentru ta' kompetenza skont l-Artikoli 14, 15 u 17 bi kwalunkwe wieħed mill-istandards eżistenti jew partijiet minnhom li se jiġu ddeterminati fl-att delegat f'konformità ***mal-paragrafu (4)***. Il-proċeduri u r-rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mutatis mutandis.	ir-regolament] id-detenturi tal-SEPs essenzjali għal standard ippubblikat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ("standards eżistenti"), li għalihom ikunu saru impenji FRAND, jistgħu jinnotifikaw liċ-ċentru ta' kompetenza skont l-Artikoli 14, 15 u 17 bi kwalunkwe wieħed mill-istandards eżistenti jew partijiet minnhom li se jiġu ddeterminati fl-att delegat f'konformità ***mal-Artikolu 1(5)***. Il-proċeduri u r-rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw mutatis mutandis.

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 66 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-funzjonament tas-suq intern ikun distort ħafna minħabba ineffiċjenzi fil-liċenzjar tal-SEPs, il-Kummissjoni għandha, wara proċess ta' konsultazzjoni xieraq, permezz ta' att delegat skont l-Artikolu 67, tiddetermina liema mill-istandards eżistenti, partijiet minnhom jew każijiet ta' użu rilevanti jistgħu jiġu nnotifikati f'konformità mal-paragrafu (1) jew mal-paragrafu (2) , jew li għalihom tista' tintalab opinjoni esperta f'konformità mal-paragrafu (3). L-att delegat għandu jiddetermina wkoll liema proċeduri u rekwiżiti ta' notifika u pubblikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament japplikaw għal dawk l-istandards eżistenti. L-att delegat għandu jiġi adottat fi żmien [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tmexxa għall-Artikolu 1(5).

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data = sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni għandha tevalwa l-impatt li s-sistema tal-verifika tal-essenzjalità, id-determinazzjoni aggregata tar-royalties u s-sistema ta' determinazzjoni FRAND għandhom b'mod partikolari fuq il-kompetittività tad-detenturi tal-SEPs tal-Unjoni fuq livell globali u fuq l-innovazzjoni fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta tħejji r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi ***(1) u (2)***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-EUIPO u lill-partijiet ikkonċernati.	3. Meta tħejji r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi ***1, 1a u 2***, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-EUIPO u lill-partijiet ikkonċernati.

Or. en

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 70 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi ***(1) u (2)*** flimkien mal-konklużjonijiet tagħha mfassla abbażi ta' dawk ir-rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO.	4. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapporti ta' evalwazzjoni msemmija fil-paragrafi ***1, 1a u 2*** flimkien mal-konklużjonijiet tagħha mfassla abbażi ta' dawk ir-rapporti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bord tat-Tmexxija tal-EUIPO. ***Ir-rapport ta' evalwazzjoni msemmi fil-paragrafu 1a għandu jkun akkumpanjat, meta xieraq, minn proposta leġiżlattiva.***

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Privattiva essenzjali għal standard (SEP) hija privattiva li tipproteġi teknoloġija li tkun ġiet iddikjarata essenzjali għall-implimentazzjoni ta' standard tekniku maqbul minn korp tal-istandardizzazzjoni. L-interazzjoni bejn il-privattivi u l-istandards hija importanti għall-innovazzjoni u t-tkabbir, peress li dawn il-privattivi joffru inċentivi għar-riċerka u l-iżvilupp u jippermettu li l-kumpaniji innovattivi jiksbu redditu adegwat fuq l-investiment. L-istandards jiżguraw li t-teknoloġiji interoperabbli u siguri jinfirxu b'mod wiesa' fost il-kumpaniji u l-konsumaturi. Għalkemm jeżistu madwar 75,000 SEP madwar id-dinja, dawn jagħmlu biss parti żgħira mid-diversità kollha tal-privattivi. Dawn jinkludu fost l-oħrajn standards teknoloġiċi essenzjali bħall-5G u l-WiFi, il-formati tar-ritratti (JPEG), u l-istandards għall-kompressjoni u d-dekompressjoni awdjo u vidjow (pereżempju MPEG, HEVC). L-SEPs għandhom rwol kruċjali fl-iżviluppi bħall-Internet tal-Oġġetti, l-Industrija 4.0, il-vetturi konnessi, il-bliet intelliġenti u t-teknoloġiji għall-protezzjoni tal-klima. F'dawn l-aħħar 10 snin, l-għadd ta' SEPs żdied b'sitt darbiet, li huwa pożittiv ħafna minħabba li l-protezzjoni tal-SEP hija essenzjali biex tippermetti li jsiru innovazzjonijiet li jgħinu lill-UE ssir aktar sostenibbli u diġitali.

Lura f'Novembru 2021, fir-Riżoluzzjoni dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'sostenn għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE[1] (ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali), il-Parlament Ewropew talab lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta proposta dwar l-SEPs, peress li l-SEPs ħafna drabi jkunu s-suġġett ta' tilwim legali. In-nuqqas ta' trasparenza u ċertezza tad-dritt ġew identifikati bħala problematiċi. Il-liċenzjar tal-SEP huwa ħafna drabi proċess twil u għali għad-detenturi tal-privattivi kif ukoll għall-utenti tat-teknoloġiji.

Id-detenturi ta' privattivi regolari jistgħu jiddeċiedu liberament lil min jixtiequ jagħtu liċenzja biex juża l-innovazzjoni tagħhom. Madankollu, id-detenturi tal-SEPs ma għandhomx din il-libertà kompluta, minħabba l-fatt li dawn igawdu ċertu saħħa fis-suq li tirriżulta mill-inklużjoni tat-teknoloġiji bi privattiva tagħhom fi standard. Għaldaqstant, id-detenturi tal-SEP huma obbligati jagħtu l-liċenzji tagħhom b'kundizzjonijiet ġusti, raġonevoli u mhux diskriminatorji (FRAND). Dawn il-kundizzjonijiet FRAND wasslu għal għadd ta' problemi, li ġew riżolti wkoll b'mod ġudizzjarju.

Minn naħa waħda, ftit li xejn huwa possibbli li l-utenti jsiru jafu jekk standard huwiex tassew essenzjali, kemm-il SEPs huma relatati ma' standard partikolari, min huma d-detenturi tal-SEP rilevanti u x'se jkunu l-ispejjeż finali biex jinkiseb dħul fis-suq permezz tal-istandard rilevanti. Madwar 84 % tal-utenti tal-SEPs huma SMEs. Għal dawn b'mod partikolari, is-sempliċi theddida ta' miżuri proviżorji li twassal biex tiġi sospiża l-produzzjoni ta' prodotti allegatament kontraenti, kif ukoll il-probabbiltà li jkun hemm litigazzjoni, jistgħu joħolqu pressjoni biex ikun hemm qbil dwar liċenzja bi prezzijiet li jistgħu ma jkunux konformi ma' FRAND.

Min-naħa l-oħra, id-detentur ta' SEP ma jistax jinforza l-interessi leġittimi tiegħu, sakemm l-utent ma jaffermax li jixtieq jikseb liċenzja bil-kundizzjonijiet FRAND, bil-ħsieb li jdewwem kemm jista' jkun l-obbligu tal-ħlas tal-liċenzji. Id-detenturi tal-SEP jiffaċċjaw ukoll proċeduri

[1] Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Novembru 2021 dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'sostenn għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE (2021/2007(INI)).

legali twal u għaljin, li jwassal biex il-liċenzji jitħallsu biss fl-aħħar tal-proċess li jdum is-snin.

Sabiex tiġi pprovduta bażi fattwali aħjar għall-prevenzjoni, ir-riżoluzzjoni u d-deċiżjoni dwar il-kunflitti fir-rigward tal-kundizzjonijiet FRAND, fis-27 ta' April 2023 il-Kummissjoni Ewropea ressqet proposta li tinkludi l-miżuri ġodda li ġejjin:

1. L-istabbiliment ta' reġistru tal-SEP u bażi tad-data elettronika ċentrali għall-SEPs;

2. L-evalwazzjoni tal-materjalità tal-SEPs

3. Id-determinazzjoni mhux vinkolanti tat-tariffa totali għal standard

4. L-istabbiliment ta' mekkaniżmu temporanju għar-riżoluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, immexxi minn esperti, għad-detenturi u l-utenti ta' SEP biex jibbażaw fuqu meta jkunu qed jinnegozjaw liċenzja FRAND.

B'mod ġenerali, ir-rapporteur tappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll il-miżuri proposti, peress li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali.

Ir-rapporteur tagħmel enfasi fuq li għandha tiżdied iċ-ċarezza tad-dritt tal-proposta u fuq li għandu jkun hemm rabta bejn l-interessi tad-detenturi tal-SEP u l-utenti tal-SEP. Iż-żewġ atturi għandhom importanza kbira ħafna għall-ekonomija Ewropea u għalhekk l-interessi tagħhom iridu jitqiesu fl-ambitu ta' att legali bbilanċjat. Il-proposta trid iżżid it-trasparenza tal-SEPs, sabiex tikkumpensa għall-għarfien avvanzat tad-detenturi tal-SEP, madankollu mingħajr ma tillimita l-kompetizzjoni globali tagħhom.

Aktar ċarezza tad-dritt

Il-kwistjoni ta' liema każijiet ta' użu ta' standards ikopru l-leġiżlazzjoni l-ġdida hija ta' importanza kbira għaċ-ċarezza tad-dritt. Għalkemm ir-rapporteur taqbel li l-Kummissjoni għandha tindirizza din il-kwistjoni permezz ta' atti delegati, hija madankollu tqis li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti ċerti kriterji minn issa. Minħabba din ir-raġuni, ir-rapporteur tipproponi li jsiru bidliet xierqa, li jinkludu definizzjoni ta' "diffikultajiet jew ineffiċjenzi sinifikanti".

Ir-rapporteur inkludiet ukoll definizzjonijiet ġodda, li jtejbu l-fehim tat-test.

Il-ħolqien ta' ċentru ta' kompetenza fl-EUIPO u r-reġistrazzjoni

Ir-rapporteur hija tal-opinjoni li l-ħolqien ta' ċentru ta' kompetenza fl-EUIPO jagħmel ħafna sens, peress li l-aġenzija eżekuttiva Ewropea għandha ħafna esperjenza fiż-żamma tal-bażijiet tad-data. Huwa importanti li din l-aġenzija tkun mgħammra kif xieraq mil-lat tal-persunal u dak finanzjarju, biex tkun tista' twettaq il-kompitu l-ġdid b'mod effiċjenti.

Barra minn hekk, ir-rapporteur tqis li huwa importanti li tiġi spjegata biċ-ċar id-differenza bejn ir-reġistru u l-bażi tad-data, kif ukoll li tiġi żgurata l-korrettezza tar-reġistru u jiġu evitati piżijiet burokratiċi possibbli għad-detenturi tal-SEP.

Gruppi ta' privattivi

Ir-rapporteur tilqa' b'mod espliċitu l-gruppi ta' privattivi. Jekk dawn jitħaddmu b'mod trasparenti, għandhom valur miżjud kbir ħafna għad-detenturi tas-SEP u l-utenti tas-SEP. Għandu jiġi żgurat biss li din it-trasparenza tkun fil-fatt riflessa fl-informazzjoni pprovduta, inkluż fuq is-sit web. Sabiex dan iseħħ, ir-rapporteur ressqet proposti xierqa.

Evalwazzjoni tal-essenzjalità

Fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali, il-Parlament Ewropew talab li tinħoloq sistema indipendenti, newtrali u trasparenti għall-evalwazzjoni tal-materjalità minn parti terza. Ir-rapporteur tilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea taqbel ma' dan u pproponiet sistema li tevalwa l-materjalità tal-privattivi.

Ta' min jinnota li, minn naħa waħda, l-esperti kif ukoll il-konċiljaturi fil-proċess tad-determinazzjoni ta' FRAND, għandu jkollhom l-għarfien espert u l-esperjenza meħtieġa u speċjalizzati ħafna u, min-naħa l-oħra, għandhom ikunu indipendenti u imparzjali.

Barra minn hekk, ir-reviżuri għandhom ikunu jistgħu jiċċekkjaw it-testijiet tal-essenzjalità eżistenti jekk ikollhom dubji dwar il-korrettezza tagħhom.

Determinazzjoni tal-ħlas totali tal-liċenzja

Id-determinazzjoni mhux vinkolanti tal-ħlas totali tal-liċenzja se tgħin lill-atturi jiffissaw il-prezzijiet għall-SEP b'mod effiċjenti.

Ir-rapporteur hija tal-opinjoni li l-possibbiltà li dan l-eżami jiġi mblukkat unilateralment għandha tiġi eskluża u għalhekk ipproponiet li jsiru bidliet xierqa.

Mekkaniżmu temporanju għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali stiednet ukoll lill-Kummissjoni toħloq aktar ċarezza dwar aspetti varji tal-FRAND, u tqis inċentivi possibbli għal negozjati tal-liċenzjar tal-SEP aktar effiċjenti u għat-tnaqqis tal-litigazzjoni. Hija qablet ukoll ma' din it-talba billi pproponiet sistema ta' riżoluzzjoni tat-tilwim mhux vinkolanti, li għandha l-potenzjal li telimina dewmien strateġiku min-naħa tal-parteċipanti fis-suq. Ir-rapporteur tilqa' l-fatt li, abbażi ta' opinjoni ta' parti terza, dan il-parteċipant fis-suq jista' mill-inqas jintalab jipprovdi protezzjoni ta' kreditu f'ammont realistiku u effettiv b'mod f'waqtu ħafna.

Fl-istess ħin, ir-rapporteur hija tal-opinjoni li l-partijiet ma għandhomx ikunu obbligati jieħdu deċiżjoni vinkolanti matul il-proċedura dwar jekk għandhomx jissottomettu ruħhom għall-eżitu tal-proċedura jew le. Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jieħdu tali deċiżjoni biss wara li jkunu jafu l-eżitu tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Barra minn hekk, ir-rapporteur hija tal-opinjoni li proċedimenti paralleli għandhom iwasslu għat-terminazzjoni tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim biss jekk il-parti l-oħra tkun tixtieq dan. B'dan il-mod, il-proċess jista' jiġi evitat milli jiddgħajjef minħabba li tiġi ppreżentata kawża f'pajjiż terz.

Intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju

F’xi setturi promettenti tal-SEP bħall-Internet tal-Oġġetti, 85 % tal-kumpaniji affettwati huma SMEs. L-SMEs ġeneralment għandhom riżorsi umani u finanzjarji limitati u għalhekk ir-rapporteur issaħħaħ il-proposti tal-Kummissjoni f’dan ir-rigward. Hija tipproponi li għandu jiġi stabbilit one-stop shop, li għandu jkun disponibbli għall-SMEs bħala parti miċ-ċentru ta’ kompetenza. L-SMEs li huma utenti tal-SEP għandhom jiksbu informazzjoni b’xejn dwar liema liċenzji jeħtieġu għall-prodott jew is-servizz tagħhom u kif jistgħu jiksbuhom. L-SMEs li huma detenturi tal-SEP għandhom jirċievu informazzjoni b’xejn dwar kif jistgħu jidentifikaw aħjar detenturi ta’ liċenzja potenzjali u jinfurzaw speċifikament id-drittijiet tagħhom. Madankollu, minn dawn il-vantaġġi għandhom jibbenefikaw biss dawk l-SMEs li l-mudell tan-negozju tagħhom ma jinvolvix esklużivament l-isfruttament tal-privattivi.

Evalwazzjoni tal-istrumenti l-ġodda

Dawn l-istrumenti proposti għandhom il-potenzjal li jtejbu l-effiċjenza tal-liċenzjar tal-SEP. L-ineffiċjenzi u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni fil-liċenzjar jistgħu jitnaqqsu, biex b’hekk jiġu ffaċilitati n-negozjati tal-liċenzja, titħaffef it-tlestija tagħhom u jitnaqqas t-tilwim legali li jiswa ħafna flus u li jieħu ħafna ħin. Dan jagħmel is-suq intern tal-UE aktar attraenti bħala post fejn isiru l-innovazzjonijiet li jistabbilixxu standards tal-industrija. Madankollu, peress li l-miżuri proposti għandhom impatt ukoll fuq livell globali, ir-rapporteur temmen li l-impatt fuq il-kompetittività tad-detenturi Ewropej tal-SEP fil-livell globali u fuq l-innovazzjoni fl-Ewropa għandu jiġi eżaminat ukoll f’aktar dettall. Jekk ir-riżultat ta’ din ir-rieżami jindika impatti negattivi, il-Kummissjoni għandha, meta xieraq, tipproponi bidliet xierqa.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

IP Europe
InterDigital
Fraunhofer Institut
European Association of Automotive Suppliers (CLEPA)
Philipps
Nokia
Ericsson
ACT The App Association
Qualcomm
Xiami
Volkswagen/ Audi
European Commission DG Grow
Tholos Foundation
Public Interest Patent Law Institute
OpenForum Europe
Fair Standards Alliance
European Patent Office
European Automobile Manufacturers´Association (ACEA)
BMW
CEN CENELEC
Business Europe
Eurocommerce
Marconi (Avanci platform)
Permanent Representation of Germany
Permanent Representation of Spain
Verband Deutsche Automobilhersteller (VDA)
Continental
CISCO
4IPCouncil
Ingenico
European association of smart energy solution providers (ESMIG)
DOLBY